Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2026/2027(INI)

24.7.2026

EMENDI
1 - 250

Abbozz ta' rapport
Denis Nesci
(PE790.121v01-00)

Il-politika ta’ koeżjoni – il-forza motriċi fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għall-bliet
(2026/2027(INI))

Emenda 1
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)

Or. en

Emenda 2
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 3
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+),

Or. en

Emenda 4
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu,

Or. en

Emenda 5
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament 2021/695 (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni,

Or. en

Emenda 6
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra l-Missjoni tal-UE: Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti li jirċievu finanzjament minn Orizzont Ewropa u t-Tikketta tal-Missjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 7
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1021 tat-22 ta' Mejju 2025 dwar il-faqar fit-trasport: niżguraw mobbiltà affordabbli, aċċessibbli u ġusta,

Or. en

Emenda 8
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-UE għal turiżmu sostenibbli

Or. en

Emenda 9
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-27 ta' Novembru 2025 dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà wara l-2024 (2025/2057(INI)),

Or. en

Emenda 10
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2026 dwar it-tisħiħ tal-konnettività, il-ħarsien tal-wirt kulturali u t-tħeġġiġ tal-eċċellenza lokali fit-turiżmu Ewropew: il-ġestjoni tad-destinazzjonijiet u t-tkabbir tat-turiżmu reġjonali (2025/2120(INI))

Or. en

Emenda 11
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)

Or. en

Emenda 12

Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 25a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030" (COM(2021) 0101),

Or. en

Emenda 13
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 26a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa,

Or. en

Emenda 14
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Jannar 2026 maħruġ minn ESPON URDICO dwar id-Dimensjoni Urbana tal-Politika ta' Koeżjoni u programmi oħra tal-UE

Or. en

Emenda 15
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 29a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Jannar 2026 maħruġ minn ESPON URDICO dwar id-Dimensjoni Urbana tal-Politika ta' Koeżjoni u programmi oħra tal-UE;

Or. en

Emenda 16
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 29a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Jannar 2026 dwar id-Dimensjoni Urbana tal-Politika ta' Koeżjoni u programmi oħra tal-UE, prodott minn ESPON URDICO,

Or. en

Emenda 17
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-abitanti tal-bliet u ta' żoni urbani oħra jirrappreżentaw madwar tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-UE;	A. billi l-abitanti tal-bliet u ta' żoni urbani oħra jirrappreżentaw madwar tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-UE ***u kważi l-popolazzjoni kollha tal-istudenti***

universitarji hija kkonċentrata fil-bliet*; *billi ż-żoni metropolitani jinkludu rħula fil-qrib b'popolazzjoni li taħdem, tistudja u tipparteċipa fil-ħajja kulturali tal-bliet, u li tuża s-servizzi u l-infrastruttura; billi ż-żoni urbani funzjonali u r-reġjuni metropolitani jirrikjedu approċċi ta' ppjanar integrat li jqisu l-interdipendenza dejjem akbar bejn il-bliet, iż-żoni periurbani u l-komunitajiet rurali tal-madwar;

Or. en

Emenda 18
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-abitanti tal-bliet u ta' żoni urbani oħra jirrappreżentaw madwar tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-UE;	A. billi l-abitanti tal-bliet u ta' żoni urbani oħra jirrappreżentaw madwar tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-UE; ***billi l-bliet tal-Ewropa, kemm jekk jinsabu f'reġjuni kostali, gżejjer, interni, muntanjużi, rurali jew tal-fruntiera, għandhom livell għoli ta' diversità soċjali, ekonomika, territorjali, demografika, kulturali u storika.***

Or. en

Emenda 19
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-iżvilupp territorjali bbilanċjat jibqa' objettiv essenzjali tal-politika ta' koeżjoni skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, li jirrikjedi li l-Unjoni ssaħħaħ

il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha billi tnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni u tiżgura li t-territorji kollha, inklużi ż-żoni urbani ta' daqsijiet differenti, ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività u jibbenefikaw minnhom;

Or. en

Emenda 20
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi ż-żoni urbani huma responsabbli għal 70 % tal-emissjonijiet globali tas-CO_2, u t-trasport u l-bini huma fost l-akbar kontributuri;

Or. en

Emenda 21
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ***ggwidat*** minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE;	B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa ***uhuma muturi ewlenin tal-innovazzjoni u l-kompetittività,*** u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ***appoġġat*** minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE; ***billi t-tranżizzjoni ekonomika u l-kriżi multipla qed ikollhom impatt qawwi fuq il-ħajja u s-servizzi li l-bliet huma mistennija joffru kemm lill-***

industriji kif ukoll liċ-ċittadini; billi l-bliet qed jintalbu dejjem aktar jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tat-trasformazzjoni industrijali, it-tibdil demografiku, it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-isfidi ġeopolitiċi;

Or. en

Emenda 22
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ggwidat minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE;	B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ggwidat minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE; ***billi ma hemm l-ebda strument ta' finanzjament tal-UE distint u ċar għall-bliet, u dan iwassal għal riskju ta' trikkib bejn l-istrumenti differenti u joħloq kumplessità amministrattiva għall-muniċipalitajiet li jibbenefikaw minn finanzjament tal-UE;***

Or. en

Emenda 23
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ggwidat minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp	B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa u ***fil-promozzjoni tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard, u l-benesseri taċ-ċittadini, f'konformità mal-approċċ "Is-***

Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE;	***Saħħa fil-Politiki Kollha" u l-programm Healthy Cities tad-WHO.*** L-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ggwidat minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE;

Or. en

Emenda 24
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ggwidat minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE;	B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa ***u l-adattament għall-klima*** u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ggwidat minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE;

Or. en

Emenda 25
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi ċ-ċentri urbani, bħala ekosistemi kumplessi li jinfluwenzaw u jesperjenzaw id-dinamika klimatika permezz tas-sistemi tal-akkomodazzjoni, tal-mobbiltà u tal-enerġija, iridu jaġixxu bħala ċentri ta' esperimentazzjoni u mudelli ta' innovazzjoni tal-governanza biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u l-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika;

Or. it

Emenda 26
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fil-livell l-eqreb taċ-ċittadini, b'approċċ 'l fuq mil-livell lokali għal dawk reġjonali, nazzjonali u tal-UE; billi l-valuri demokratiċi u l-involviment taċ-ċittadini fil-politika pubblika għandhom aktar viżibbiltà u impatt dirett fil-livell lokali;

Or. en

Emenda 27
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Aġenda tal-UE għall-Bliet għandha tikkomplementa politiki territorjali oħra, u mhux tikkompeti magħhom, u tippromwovi kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn il-bliet, ir-reġjuni tal-madwar u ż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 28
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-prinċipji ta' koeżjoni u konverġenza huma fundamentali għall-proġett Ewropew, u l-Ewropa se tirnexxi meta l-ebda reġjun, l-ebda belt u l-ebda żona urbana oħra ma jithallew jibqgħu lura;

Or. en

Emenda 29
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jimplimentaw u jużaw madwar 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE;

Or. it

Emenda 30
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-bliet kellhom rwol storiku fil-konfigurazzjoni tal-komunitajiet politiċi; billi l-bliet għad għandhom rwol ċentrali fil-ħolqien tal-identità taċ-ċittadini u l-involviment ċiviku fil-komunitajiet lokali tagħhom; billi l-bliet huma kruċjali għall-promozzjoni tal-kultura, il-valuri u t-tradizzjonijiet Ewropej, inkluż il-wirt kulturali tagħhom;

Or. en

Emenda 31
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet għandha tibni fuq l-istrumenti eżistenti tal-politika ta' koeżjoni u l-istrutturi ta' governanza, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni amministrattiva bla bżonn u l-kumplessità istituzzjonali addizzjonali;

Or. en

Emenda 32
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni; ***billi dan l-influss tal-popolazzjoni minn żoni rurali għal żoni urbani, u minn bliet ta' daqs medju u żgħir għal żoni metropolitani kbar għandu impatt dirett fuq id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni; billi t-tkabbir tal-popolazzjoni f'żoni metropolitani kbar u t-telf tal-kapaċità tal-akkwist fi ħdan unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju jolqtu b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jakkwistaw jew jikru akkomodazzjoni affordabbli fil-bliet ewlenin; billi din id-diffikultà ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ġġiegħel lil ħafna ċittadini jipposponu deċiżjonijiet importanti tal-ħajja bħall-formazzjoni ta' familji ġodda; billi l-politika ta' koeżjoni hija fundamentali biex jiġu indirizzati***

kemm id-distribuzzjoni kif ukoll iż-żamma tal-popolazzjoni bejn ir-reġjuni u ż-żoni, kif ukoll in-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli fiż-żoni urbani;

Or. en

Emenda 33
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni***, l-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima u ż-żieda qawwija fl-inugwaljanzi mikroterritorjali***; ***billi, barra minn hekk, il-faqar fost it-tfal għandu dimensjoni spazjali qawwija u, f'distretti urbani emarġinati jew periferiċi jżid b'mod esponenzjali r-riskju tal-esklużjoni soċjali u l-esponiment għal vulnerabbiltajiet multipli meta mqabbel ma' nħawi oħra fl-istess belt, u dan jirrikjedi sinerġija ekoloġika u infrastrutturali essenzjali maż-żoni rurali, muntanjużi u interni tal-madwar;***

Or. it

Emenda 34
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-

fluss ta’ popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;	fluss ta’ popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni***, minn infrastruttura li qed tiqdiem, minn bini u spazji industrijali abbandunati, minn livelli baxxi tal-kwalità tal-arja, minn mewġiet tas-sħana u minn impatti klimatiċi/diżastri naturali oħra***; ***billi s-suq tal-akkomodazzjoni għall-istudenti qed ipoġġi stress finanzjarju bla preċedent fuq il-familji u ż-żgħażagħ u qed iżid b’mod esponenzjali l-ispiża tal-edukazzjoni għolja;***

Or. en

Emenda 35
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta’ sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta’ popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta’ sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta’ popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni; ***billi l-Ewropa qed tiffaċċja mhux biss kriżi tal-akkomodazzjoni iżda, fuq kollox, kriżi tal-affordabbiltà, u billi fl-UE, mill-2010 sat-tieni trimestru tal-2025, il-kirjiet żdiedu bi 28,8 % u l-prezzijiet tad-djar żdiedu b’60,5 %;***

Or. ro

Emenda 36
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin ***mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u*** miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin ***mit-tibdil fil-klima, mit-tkabbir tal-popolazzjoni urbana,*** miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni ***u mill-proċessi ta' ġentrifikazzjoni li qed jaggravaw l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi u qed inaqqsu progressivament l-aċċess għal servizzi essenzjali u kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti, b'impatt sproporzjonat fuq ir-residenti l-aktar vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 37
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet ***u*** miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda***, multipli u sovrapposti***, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet***,*** miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni ***u mill-iskarsezza tal-akkomodazzjoni***; ***iż-żieda fil-ħtiġijiet tal-infrastruttura, il-kostijiet oġħla tal-enerġija, ir-riskji relatati mal-klima u l-isfidi tas-sigurtà, u dawn jirrikjedu rispons integrat u bbażat fuq il-post imfassal għaċ-ċirkostanzi lokali;***

Or. en

Emenda 38
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta'	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta'

sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet ***u*** miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;	sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet***, kif ukoll*** miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni ***u tal-enerġija, li jirrikjedu l-iżvilupp meħtieġ tal-akkomodazzjoni, miżuri ġodda ta' protezzjoni ambjentali u ta' ffrankar tal-enerġija***;

Or. it

Emenda 39
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin ***mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet*** tal-akkomodazzjoni;	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin ***minn pressjonijiet migratorji interni u esterni tal-popolazzjoni, żbilanċi demografiċi dejjem akbar bejn iż-żoni urbani u rurali u prezzijiet*** tal-akkomodazzjoni ***li qed jogħlew***;

Or. en

Emenda 40
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ***ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet*** tal-akkomodazzjoni***;***	C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' ***ħafna*** sfidi***, bħaż-żieda fl-ispejjeż, il-konġestjoni, it-tniġġis, l-affordabbiltà*** tal-akkomodazzjoni***, id-disparitajiet territorjali, il-faqar, l-inugwaljanza u l-esklużjoni soċjali.***

Or. en

Emenda 41
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Pjanijiet Lokali għat-Tisħin u t-Tkessiħ u l-Pjanijiet Nazzjonali għar-Rinnovazzjoni tal-Bini sikwit jiġu żviluppati permezz ta' oqfsa ta' governanza separati, li jirriżultaw f'ippjanar frammentat, ċikli ta' investiment allinjati ħażin u diffikultajiet għall-awtoritajiet lokali biex jottimizzaw l-infrastruttura tal-enerġija, inaqqsu l-emissjonijiet u jevitaw investimenti mhux rekuperabbli; billi koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn dawn l-istrumenti tal-ippjanar hija essenzjali biex jiġi żgurat approċċ integrat, effiċjenti u bbażat fuq il-post għall-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija;

Or. en

Emenda 42
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-bliet ta' daqs medju u żgħar qed iħabbtu wiċċhom mat-tranżizzjoni ekonomika, il-migrazzjoni industrijali u t-tibdil demografiku u qed jitħabtu biex iżommu u jattiraw liż-żgħażagħ u lill-investituri biex iżommu u jiżviluppaw l-ekosistema ekonomika u soċjali lokali, jibnu u jimmodernizzaw l-infrastruttura u joffru servizzi pubbliċi ta' kwalità;

Or. en

Emenda 43
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-bliet ta' daqs medju u żgħir u ċ-ċentri urbani li jibqgħu lura huma affettwati direttament mill-isfida demografika; billi l-urbanizzazzjoni qed isseħħ l-aktar fil-bliet akbar u fiż-żoni metropolitani u madwarhom; billi hemm tendenza li l-popolazzjoni u s-servizzi jiġu kkonċentrati żżejjed fi bliet kbar u f'żoni metropolitani;

Or. en

Emenda 44
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-migrazzjoni bla kontroll poġġiet pressjoni dejjem akbar fuq is-swieq tal-akkomodazzjoni, is-sistemi edukattivi, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-infrastruttura pubblika f'għadd ta' bliet Ewropej, u dan ikompli taggrava l-isfidi urbani eżistenti;

Or. en

Emenda 45
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-integrazzjoni b'suċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment tiddependi fuq il-kapaċità tal-komunitajiet lokali, l-affidabbiltà tal-akkomodazzjoni, is-servizzi pubbliċi u l-opportunitajiet ta' impjieg u ma għandhiex iddgħajjef il-koeżjoni soċjali;

Or. en

Emenda 46
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-finanzjalizzazzjoni tal-akkomodazzjoni, l-investiment spekulattiv u l-espansjoni rapida tas-swieq tal-akkomodazzjoni għal żmien qasir komplew inaqqsu d-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli f'ħafna żoni urbani;

Or. en

Emenda 47
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, il-privazzjoni materjali u l-faqar huma fost il-problemi soċjali ewlenin għall-Ewropej li jgħixu fil-bliet;

Or. en

Emenda 48
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-bliet jinsabu fuq quddiem nett fl-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u jirrikjedu riżorsi finanzjarji adegwati, għarfien espert tekniku u flessibbiltà regolatorja biex jittestjaw u jimplimentaw soluzzjonijiet innovattivi li jtejbu s-sostenibbiltà, il-kompetittività u l-kwalità tal-ħajja;

Or. en

Emenda 49
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-politiki urbani sikwit jinvolvu kompromessi bejn l-objettivi ambjentali, ekonomiċi u soċjali u għalhekk għandhom jitfasslu b'mod ibbilanċjat filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u l-ispeċifikazzjonijiet territorjali;

Or. en

Emenda 50
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Cd. billi l-iżgurar ta' spazji pubbliċi sikuri u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-vjolenza, il-vandaliżmu u forom oħra ta' nuqqas ta' sigurtà urbana huma prerekwiżit għall-iżvilupp urban sostenibbli u għaż-żamma tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-awtoritajiet pubbliċi u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti;

Or. en

Emenda 51
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi l-Politika ta' Koeżjoni tibqa' l-politika ta' investiment prinċipali tal-Unjoni għat-twettiq ta' żvilupp territorjali sostenibbli u għat-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali, u għandha tkompli tipprovdi l-qafas ewlieni għall-iżvilupp urban integrat;

Or. en

Emenda 52
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ; ***billi l-istrumenti finanzjarji għandhom jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tal-inventarju tad-djar li huwa meħtieġ biex jadatta għar-regolamenti l-ġodda***

rigward is-sostenibbiltà tal-bini; billi l-politika ta' koeżjoni għandha tikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tar-riġenerazzjoni u l-konverżjoni ta' bini abbandunat u vakanti f'akkomodazzjoni affordabbli u faċilitajiet komunitarji;

Or. en

Emenda 53
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ ***billi tappoġġja investiment li jżid il-provvista ta' akkomodazzjoni adegwata, jirriġenera żoni urbani mhux użati biżżejjed, itejjeb l-infrastruttura essenzjali u jsaħħaħ ir-reżiljenza soċjali, ekonomika u demografika fit-tul tal-bliet u r-reġjuni***;

Or. en

Emenda 54
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ; ***billi ż-żgħażagħ Ewropej huma partikolarment affettwati, u qed jiffaċċjaw***

	diffikultà dejjem akbar biex jitilqu mid-dar tal-ġenituri tagħhom - fl-2023 għamlu dan f'età medja ta' 26,3 sena;

Or. ro

Emenda 55
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ***, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali għall-akkomodazzjoni u l-ippjanar spazjali u tkopri kemm l-akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli kif ukoll l-aċċess għas-sjieda tad-djar***;

Or. en

Emenda 56
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji ***u għaż-żgħażagħ***;	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji ***b'introjtu baxx u medju, ir-residenti urbani, il-familji bit-tfal, in-nisa u ż-żgħażagħ***;

Or. it

Emenda 57
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari ***għall-familji*** u għaż-żgħażagħ;	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli***, sostenibbli, diċenti*** u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari ***għall-gruppi vulnerabbli*** u għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 58
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji***, għall-klassi medja*** u għaż-żgħażagħ;

Or. pt

Emenda 59
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi għal suq tal-	D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE ***għandha*** tikkontribwixxi għal suq tal-

akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;	akkomodazzjoni aċċessibbli***, sostenibbli*** u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 60
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ; billi r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni enfasizza l-ħtieġa ta' enfasi akbar tal-fondi fuq l-investimenti f'akkomodazzjoni affordabbli u r-riġenerazzjoni urbana, u dan jirrifletti s-severità tal-kriżi tal-akkomodazzjoni f'ħafna Stati Membri; billi l-politika ta' koeżjoni futura għandha ssaħħaħ din id-direzzjoni billi tagħti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali flessibbiltà akbar biex jużaw il-fondi Ewropej għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-effiċjenza enerġetika tal-akkomodazzjoni;

Or. ro

Emenda 61
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-iżvantaġġ strutturali fil-livell

mikroterritorjali huwa xprunat mit-trikkib bejn kundizzjonijiet ħżiena ta' akkomodazzjoni, skarsezza fl-infrastruttura skolastika u edukattiva ta' kwalità, nuqqas ta' żoni ħodor u spazji pubbliċi aċċessibbli; billi dan il-"vojt soċjali u edukattiv" jissogra li jxekkel l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tat-tfal u tal-adolexxenti, u jkebbes dinamika ta' stigma soċjali li tikkundizzjona l-aspirazzjonijiet futuri tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda;

Or. it

Emenda 62
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi diġà ġiet osservata żieda serja ħafna fit-temperaturi ta' billejl u binhar fil-bliet Ewropej u hu mistenni li din iż-żieda se tkompli taggrava, b'impatt fuq is-saħħa, il-produttività tal-bniedem u l-kwalità ġenerali tal-ambjent;

Or. en

Emenda 63
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-istudenti u ż-żgħażagħ fit-taħriġ jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fl-

aċċess għall-akkomodazzjoni u jbatu minn rata mhux sostenibbli ta' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni; billi d-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni deċenti u affordabbli hija prerekwiżit fundamentali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ, il-protezzjoni tas-saħħa mentali, u s-salvagwardja tad-dritt għall-istudju u għall-mobbiltà akkademika fl-Unjoni kollha;

Or. it

Emenda 64
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-aġenda tal-UE għall-bliet tiddeskrivi l-viżjoni, il-politiki u ġabra ta' azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-bliet ta' kull daqs;	E. billi l-aġenda tal-UE għall-bliet tiddeskrivi l-viżjoni, il-politiki u ġabra ta' azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-bliet ta' kull daqs ***u tipprovdi wkoll qafas li jħares 'il quddiem għal żvilupp urban sostenibbli u integrat***;

Or. it

Emenda 65
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-aġenda tal-UE għall-bliet tiddeskrivi l-viżjoni, il-politiki u ġabra ta' azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-bliet ta' kull daqs;	E. billi l-aġenda tal-UE għall-bliet tiddeskrivi l-viżjoni, il-politiki u ġabra ta' azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-bliet ta' kull daqs***, filwaqt li tirrikonoxxi l-karatteristiċi territorjali, demografiċi u ekonomiċi differenti tagħhom***;

Or. en

Emenda 66
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-iżbilanċi demografiċi jaffettwaw kemm il-bliet li qed jespandu, li qed jiffaċċjaw pressjonijiet akbar fuq is-suq tal-akkomodazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi, kif ukoll il-bliet li qed jesperjenzaw tnaqqis, li qed jiffaċċjaw tixjiħ tal-popolazzjoni, depopolazzjoni, l-eżodu taż-żgħażagħ u tal-ħaddiema b'ħiliet, kif ukoll bażi ekonomika u fiskali li qed tiċkien; billi l-politika ta' koeżjoni għandha tipprovdi soluzzjonijiet differenzjati u flessibbli bbażati fuq il-post li huma adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull belt u reġjun;

Or. ro

Emenda 67
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi ma hemm l-ebda definizzjoni waħda legalment vinkolanti ta' belt fil-livell tal-Unjoni, u dan jirrifletti d-diversità tal-istrutturi territorjali, amministrattivi u ta' governanza madwar l-Istati Membri, u għaldaqstant l-aġenda tal-UE għall-bliet għandha tiġi implimentata permezz ta' approċċ flessibbli u bbażat fuq il-post li jqis il-karatteristiċi, il-funzjonijiet u l-kapaċitajiet differenti ta' bliet ta' kull

daqs, filwaqt li jirrispetta għalkollox il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

Or. en

Emenda 68
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) jinsab f'pożizzjoni unika, bis-saħħa tal-għarfien espert, l-esperjenza u l-involviment fit-tul tiegħu mal-bliet u r-reġjuni, biex imexxi l-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għall-bliet u l-azzjonijiet ta' politika urbana relatati;

Or. en

Emenda 69
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-iżvilupp sostenibbli tal-bliet ma jistax iseħħ mingħajr l-iżvilupp ibbilanċjat taż-żoni rurali u periurbani; billi l-konċentrazzjoni ta' investiment u opportunitajiet ekonomiċi f'ċentri urbani kbar, flimkien mas-sottożvilupp ta' ħafna żoni rurali, tiffavorixxi l-migrazzjoni interna, iżżid il-pressjoni fuq is-suq tal-akkomodazzjoni, it-trasport u s-servizzi pubbliċi fil-bliet u tenfasizza d-disparitajiet territorjali; billi l-politika ta'

koeżjoni għandha tippromwovi l-iżvilupp policentriku, issaħħaħ il-bliet żgħar u ta' daqs medju u r-rabtiet tagħhom mal-komunitajiet rurali, permezz ta' investimenti fil-konnettività, fis-servizzi pubbliċi, fl-infrastruttura u fl-iżvilupp ekonomiku lokali;

Or. ro

Emenda 70
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi r-riġenerazzjoni ta' viċinati urbani u l-użu mill-ġdid ta' art u bini abbandunati jew li ma jintużawx biżżejjed huma għodda essenzjali għall-iżvilupp urban sostenibbli, li jgħinu biex tiġi limitata l-espansjoni mhux ikkontrollata tal-bliet, jiġu protetti l-art agrikola u l-ispazji ekoloġiċi u jsir użu aktar effiċjenti mill-infrastruttura eżistenti; billi dawn l-investimenti jgħinu biex jagħtu ħajja ġdida lill-viċinati li qed jesperjenzaw tnaqqis, itejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini, joħolqu opportunitajiet ekonomiċi u impjiegi ġodda, jattiraw l-investiment privat u jżidu l-attraenza tal-bliet bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jinvesti; billi l-politika ta' koeżjoni għandha tagħti aktar prijorità lil proġetti integrati ta' riġenerazzjoni urbana, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

Or. ro

Emenda 71
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	fa. billi l-politiki ta' koeżjoni għandhom jippromwovu d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju għar-reġjuni kollha, inklużi ż-żoni urbani u l-bliet, billi joħolqu l-kundizzjonijiet li n-nies jeħtieġu biex jgħixu, jaħdmu u jirnexxu fil-post fejn jagħżlu li jirrisjedu permezz ta' aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità, inklużi servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni, u konnessjonijiet u kundizzjonijiet ta' mobbiltà aħjar;

Or. pt

Emenda 72
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-ekosistemi urbani u l-ekosistemi tal-innovazzjoni urbana għandhom il-potenzjal li jkunu forza mexxejja għad-diġitalizzazzjoni, il-modernizzazzjoni u s-soluzzjonijiet sostenibbli fis-setturi kollha; billi l-ekosistemi tal-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-mobbiltà intelliġenti, is-sikurezza urbana, ir-reżiljenza għall-klima u l-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità;

Or. en

Emenda 73
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-muniċipalitajiet huma l-livell ta' gvern l-eqreb taċ-ċittadini u għandhom rwol deċiżiv fil-promozzjoni tas-saħħa, fil-koeżjoni soċjali, u fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi, kif ukoll fl-indirizzar ta' kriżijiet ta' kull xorta;

Or. en

Emenda 74
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi, skont l-Ewrobarometru tal-2025, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli (51 %), il-qgħad jew in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg (33 %), in-nuqqas ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità (32 %) u l-faqar u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar (32 %) huma t-tħassib ewlieni tal-persuni li jgħixu f'żoni urbani u dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi estiż ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi;

Or. pt

Emenda 75
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi l-bliet huma muturi ewlenin tal-kompetittività Ewropea, billi jikkonċentraw it-talent, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-attività ekonomika, u jeħtieġ li jissaħħu l-konnettività, il-kapaċità

tagħhom li jippromwovu t-tkabbir sostenibbli, il-ktajjen tal-valur reżiljenti, l-intraprenditorija u l-impjiegi ta' kwalità, filwaqt li jiġi żgurat li l-kompetittività tikkontribwixxi għal Unjoni aktar koeżiva u inklużiva;

Or. pt

Emenda 76
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;	G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet ***u tal-awtoritajiet lokali*** fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija; ***billi l-awtoritajiet lokali kompetenti għandhom ikunu involuti fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-fondi tal-UE fl-oqsma ta' politika li huma kompetenti fihom, inklużi l-akkomodazzjoni u l-mobbiltà urbana;***

Or. en

Emenda 77
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;	G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija***, li għandu jkun***

implimentat ukoll fil-fonfi u fil-programmi kollha rilevanti tal-UE;

Or. en

Emenda 78
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;	G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki***, kif ukoll fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tagħhom***, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija ***u ta' sussidjarjetà***;

Or. pt

Emenda 79
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;	G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi ***mill-kooperazzjoni effettiva u*** mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki***, fejn xieraq***, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;

Or. en

Emenda 80
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;	G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki ***u fl-implimentazzjoni b'ħeffa***, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;

Or. en

Emenda 81
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;	G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ***tat-tip "bottom-up"*** ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;

Or. ro

Emenda 82
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil	G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ***integrat,*** ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil

mal-prinċipju ta’ sħubija;	mal-prinċipju ta’ sħubija;

Or. en

Emenda 83
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-approċċ ibbażat fuq il-post irid ikun ibbażat fuq il-prinċipju ta’ “ekwità territorjali”, li jiggarantixxi drittijiet ta’ ċittadinanza, investiment u aċċessibbiltà ndaqs għal servizzi essenzjali, irrispettivament mill-post ġeografiku, filwaqt li jiġġieled l-asimmetriji storiċi bejn iċ-ċentri urbani u ż-żoni rurali u interni;

Or. it

Emenda 84
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva jitlob proċeduri amministrattivi simplifikati, assistenza teknika mmirata u mekkaniżmi ta’ żvilupp tal-kapaċitajiet adattati għall-bliet ta’ kull daqs;	H. billi t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva jitlob proċeduri amministrattivi simplifikati, assistenza teknika mmirata u mekkaniżmi ta’ żvilupp tal-kapaċitajiet adattati għall-bliet ta’ kull daqs***, li jiżguraw flessibbiltà akbar u rispons aktar effettiv għall-ispeċifiċitajiet u l-htiġijiet territorjali***;

Or. pt

Emenda 85
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi żoni urbani u bliet differenti jippreżentaw l-isfidi u l-ispeċifiċitajiet tagħhom, b'mod partikolari l-bliet li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi, li jiffaċċjaw restrizzjonijiet strutturali permanenti, rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, jiġifieri d-distanza, l-insularità u l-aċċessibbiltà limitata, u għalhekk jirrikjedu approċċi territorjali mfassla apposta u miżuri speċifiċi fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni;

Or. pt

Emenda 86
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-politika ta' koeżjoni jrid ikollha l-għan mhux biss li tiżviluppa ċentri urbani kbar, iżda wkoll li ssaħħaħ network poliċentriku ta' bliet żgħar u ta' daqs medju li kapaċi jiġġeneraw l-iżvilupp ekonomiku u jnaqqsu l-pressjoni fuq l-agglomerazzjonijiet urbani kbar;

Or. ro

Emenda 87
Christian Doleschal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-bliet jiffurmaw spazji ekonomiċi, tal-għajxien, tax-xogħol u kulturali funzjonali maż-żoni rurali, u l-iżvilupp tagħhom huwa marbut mill-qrib ma' xulxin; billi l-politika ta' koeżjoni għandha tippromwovi s-sinerġiji territorjali korrispondenti;

Or. de

Emenda 88
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-aċċessibbiltà u l-konnettività huma fatturi ewlenin fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-bliet u billi 29 % tal-persuni mistħarrġa fl-Ewrobarometru tal-2025 semmew id-disponibbiltà ta' trasport pubbliku aċċessibbli u konness tajjeb bħala wieħed mill-oqsma li l-aktar għandhom bżonn ta' titjib; billi, barra minn hekk, ir-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw sfidi speċifiċi ta' konnettività u aċċessibbiltà bħala riżultat tal-postijiet insulari u remoti fejn jinsabu u l-fatt li l-art tagħhom hija maqsuma, u dan jitlob soluzzjonijiet imfassla apposta u mmirati fi programm tat-tip tat-trasport POSEI għat-trasport bit-triq, bl-ajru u bil-baħar, b'mod partikolari biex jittejbu l-konnessjonijiet bejn il-bliet u biex il-bliet jiġu integrati bis-sħiħ fiż-żona Ewropea u fis-suq uniku;

Or. pt

Emenda 89

Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi l-bliet għandhom rwol ċentrali fil-prevenzjoni tal-kriżijiet, fit-tħejjija u fir-rispons għalihom, inklużi d-diżastri naturali, l-avvenimenti klimatiċi estremi u riskji emerġenti oħra, u billi t-tisħiħ tar-reżiljenza urbana u tas-sistemi tal-protezzjoni ċivili jirrikjedi approċċ integrat ibbażat fuq il-kooperazzjoni bejn il-livelli differenti ta' governanza, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, il-kapaċitajiet lokali mtejba u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi;

Or. pt

Emenda 90
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi xi bliet fl-Unjoni għandhom rwol strateġiku fid-difiża u s-sigurtà Ewropea bħala riżultat tal-pożizzjoni tagħhom f'żoni tal-fruntiera tal-art jew tal-baħar, inklużi r-reġjuni periferiċi tal-Atlantiku u r-reġjuni ultraperiferiċi, li l-pożizzjonijiet ġeostrateġiċi tagħhom fl-Atlantiku, fil-Baħar tal-Karibew u fl-Oċean Indjan jagħtu spinta lill-preżenza u l-kapaċità ta' varar tal-Unjoni;

Or. pt

Emenda 91
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa He (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	He. billi l-bliet jiffaċċjaw sfidi dejjem akbar li huma marbuta mat-traffikar illeċitu tad-droga, inkluża ż-żieda fiċ-ċirkolazzjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda, "drogi sintetiċi ġodda", b'impatt sinifikanti fuq is-saħħa pubblika, is-sigurtà urbana, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluża żieda fil-vulnerabbiltà u fl-għadd ta' persuni mingħajr saqaf fuq rashom, u jirrikjedu approċċ integrat li jgħaqqad il-prevenzjoni, it-tnaqqis tar-riskju, ir-rispons soċjali u l-kooperazzjoni msaħħa fost l-awtoritajiet;

Or. pt

Emenda 92
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hf. billi l-bliet għandhom rwol ċentrali fit-tranżizzjonijiet diġitali u tal-enerġija tal-Unjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima, u dan jirrikjedi investiment fl-innovazzjoni, fl-effiċjenza enerġetika, fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, fil-mobbiltà sostenibbli u fis-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza urbana, jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn iż-żoni u jiġi promoss l-iżvilupp urban sostenibbli u inklużiv, bl-għan aħħari li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies;

Or. pt

Emenda 93

Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hg. billi l-bliet għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' aċċess ekwu għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, li jgħinu biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, tittejjeb il-mobbiltà soċjali u jiġu pprovduti opportunitajiet aħjar għal kulħadd;

Or. pt

Emenda 94
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hh. billi l-bliet għandhom rwol essenzjali fil-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri pubbliċi permezz ta' servizzi tas-saħħa aċċessibbli u programmi bbażati fil-komunità mmirati lejn il-prevenzjoni, is-saħħa mentali, l-inklużjoni soċjali u l-kura lokali, li jikkontribwixxu għal sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti u ċċentrati fuq il-persuna u jsaħħu l-koeżjoni soċjali u territorjali, u billi 42 % tan-nies iqisu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa bħala wieħed mill-oqsma fejn it-titjib huwa l-aktar meħtieġ fil-bliet tagħhom;

Or. pt

Emenda 95
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Hi (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hi. billi l-bliet ta' mal-kosta, fuq il-gżejjer u fir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom potenzjal strateġiku għall-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli, riċerka xjentifika u monitoraġġ ambjentali tal-oċeani u għal turiżmu sostenibbli, u għandhom jiġu appoġġjati fit-titjib tar-riżorsi marittimi tagħhom, fil-protezzjoni tal-ekosistemi u fil-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-benefiċċju tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni;

Or. pt

Emenda 96
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hj. billi l-bliet għandhom rwol essenzjali fil-promozzjoni tat-trasformazzjoni diġitali u fit-tnaqqis tad-distakk diġitali, bħala muturi tal-innovazzjoni u tat-tixrid tat-teknoloġija, u jeħtieġ jiġi pprovdut aċċess ekwu għal infrastruttura, ħiliet u servizzi diġitali ta' kwalità sabiex jittejbu l-kompetittività, l-inklużjoni diġitali u l-koeżjoni territorjali;

Or. pt

Emenda 97
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-proposta relatata mal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ma tirrikonoxxix b'mod adegwat ir-rwol strateġiku tal-bliet;	I. billi l-proposta relatata mal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ma tirrikonoxxix b'mod adegwat ir-rwol strateġiku tal-bliet; ***billi ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tiggarantixxi l-finanzjament għall-bliet u ż-żoni urbani u l-istabbiliment ta' kapitoli urbani fi ħdan il-Pjan SNR; billi fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2021-2027 hemm programmi operazzjonali fi ħdan il-FEŻR imfassla speċifikament għall-bliet u ż-żoni urbani;***

Or. en

Emenda 98
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-proposta relatata mal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ma tirrikonoxxix b'mod adegwat ir-rwol strateġiku tal-bliet;	I. billi l-proposta relatata mal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ma tirrikonoxxix b'mod adegwat ir-rwol strateġiku tal-bliet ***u r-reġjuni u tissogra li ddgħajjef id-dimensjoni reġjonali u lokali tal-politika ta' koeżjoni, il-prinċipju tas-sħubija u l-ġestjoni kondiviża billi tittrasferixxi t-teħid tad-deċiżjonijiet għal-livell nazzjonali***;

Or. en

Emenda 99
Klara Dostalova, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***l-proposta relatata mal-***	I. billi ***l-pjanijiet*** ta' sħubija

pjanijiet ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ***ma tirrikonoxxix b’mod adegwat ir-rwol strateġiku*** tal-bliet;

nazzjonali u reġjonali (SNR) ***għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-sħubija billi jiżguraw il-parteċipazzjoni b'sinifikat*** tal-bliet***, tar-reġjuni u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, filwaqt li jippreservaw ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-politika ta’ koeżjoni***;

Or. en

Emenda 100
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-proposta relatata mal-pjanijiet ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ma tirrikonoxxix b’mod adegwat ir-rwol strateġiku tal-bliet;	I. billi l-proposta relatata mal-pjanijiet ta’ sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ma tirrikonoxxix b’mod adegwat ir-rwol strateġiku tal-bliet ***u ma tiggarantix li l-kontribut tagħhom se jiġi inkluż fil-verżjoni finali tal-Pjanijiet***;

Or. en

Emenda 101
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-bliet fir-reġjuni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni jġarrbu b’mod sproporzjonat il-kostijiet ekonomiċi, soċjali u tas-sigurtà li jirriżultaw mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz ta’ tnaqqis fl-attraenza tal-investiment, tfixkil fil-flussi kummerċjali u pressjonijiet fuq l-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi; billi dawn huma elementi ewlenin tal-

konnettività, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni u għandhom jibbenefikaw minn appoġġ immirat fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni għal investimenti fl-infrastruttura, il-mobbiltà, il-konnettività diġitali, l-akkomodazzjoni u r-riġenerazzjoni urbana;

Or. ro

Emenda 102
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-politika ta' koeżjoni trid tibqa' politika bbażata fuq il-post u ġestita reġjonalment irregolata mill-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tas-shubija, u ma tridx tinbidel fi strument ċentralizzat u bbażat fuq il-prestazzjoni li joħroġ lill-awtoritajiet reġjonali u lokali mit-tfassil u mill-ġestjoni tal-investimenti;

Or. en

Emenda 103
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi ħafna bliet Ewropej u ż-żoni ta' madwarhom jiffaċċjaw tnaqqis demografiku, tixjiħ tal-popolazzjoni u rati baxxi ta' twelid, u billi l-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġja l-familji, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażagħ jibqgħu fit-territorji ta' oriġini tagħhom jew jirritornaw fihom;

Or. en

Emenda 104
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ic (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ic. billi aġenda tal-UE għall-bliet ma tridx twassal għat-telqa ta' żoni rurali, muntanjużi, tal-fruntiera u b'popolazzjoni baxxa, u billi ż-żoni urbani u rurali huma funzjonalment interdipendenti u għandhom jiġu appoġġjati b'mod integrat u bbilanċjat;

Or. en

Emenda 105
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea;	1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea; ***jenfasizza li l-Aġenda għandha tikkomplementa bis-sħiħ, u mhux tissostitwixxi, id-dimensjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li tirrikonoxxi li l-iżvilupp urban sostenibbli jiddependi minn rabtiet funzjonali b'saħħithom mar-reġjuni tal-madwar u maż-żoni rurali; jissottolinja madankollu li din l-aġenda tista' tiġi implimentata biss jekk il-bliet u ż-żoni metropolitani jkollhom aċċess għal strumenti finanzjarji xierqa fil-livell Ewropew u nazzjonali u jkunu eliġibbli taħt il-fondi Ewropej***

diretti kollha;

Or. en

Emenda 106
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea;	1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea; ***jisħaq li l-implimentazzjoni tagħha għandha tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, issaħħaħ l-approċċ ibbażat fuq il-post tal-politika ta' koeżjoni u tevita li toħloq piżijiet amministrattivi bla bżonn;***

Or. en

Emenda 107
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea;	1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea; ***jenfasizza li l-aġenda tirrikonoxxi li l-awtoritajiet lokali jimplimentaw 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE u għandhom rwol deċiżiv fit-twettiq tal-prijoritajiet ewlenin bħall-***

kompetittività, it-tranżizzjoni klimatika u l-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 108
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea;	1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea ***u d-DĠ REGIO huwa ppożizzjonat b'mod uniku biex imexxi l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet u l-azzjonijiet ta' politika urbana relatati***;

Or. en

Emenda 109
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi djalogi regolari mal-bliet u l-organizzazzjoni ta' djalogu politiku annwali ta' livell għoli għall-bliet; Jemmen li hu kruċjali li jinżamm kuntatt dirett mal-awtoritajiet lokali biex jiġu identifikati l-ostakli u l-isfidi f'oqsma ta' politika speċifiċi, jinkixfu l-opportunitajiet għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni, u tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-aġġustamenti meħtieġa għall-politiki tal-UE, kif ukoll

rakkomandazzjonijiet għal appoġġ immirat; jappoġġja l-fatt li dawn id-diskussjonijiet politiċi jridu jitlestew b'konsultazzjonijiet immirati fil-livell tekniku mal-prattikanti urbani, u bil-parteċipazzjoni tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni fuq bażi regolari;

Or. en

Emenda 110
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jilqa' r-rikonoxximent tal-aġenda li l-awtoritajiet lokali jimplimentaw 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE u għandhom rwol deċiżiv fit-twettiq tal-prijoritajiet ewlenin bħall-kompetittività, it-tranżizzjoni klimatika u l-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 111
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jilqa' l-fatt li l-aġenda tirrikonoxxi li l-awtoritajiet lokali jimplimentaw 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE u għandhom rwol deċiżiv fit-twettiq tal-prijoritajiet ewlenin bħall-kompetittività, it-tranżizzjoni klimatika u l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 112
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jitlob li l-isforzi ta' simplifikazzjoni u t-tnaqqis ta' ostakli potenzjali għandhom isiru għall-benefiċċju tal-bliet bħala benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE u l-atturi tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE;

Or. en

Emenda 113
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam ***sal-aġenda*** territorjali 2030;	2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam***, l-Aġenda Urbana għall-UE, il-Ftehim ta' Ljubljana, il-Karta l-Ġdida ta' Leipzig u l-Aġenda*** Territorjali 2030; ***jenfasizza l-kontribut tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet urbani ġodda; jinnota l-frammentazzjoni persistenti tal-istrumenti u tal-politiki Ewropej immirati lejn il-bliet u l-htieġa ta' approċċ aktar integrat u kkoordinat;***

Or. it

Emenda 114
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam sal-aġenda territorjali 2030;	2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam sal-aġenda territorjali 2030; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-mekkaniżmi ta' governanza f'diversi livelli li jinvolvu lill-awtoritajiet urbani, lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lil partijiet ikkonċernati oħra fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki b'impatt urban;***

Or. ro

Emenda 115
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam sal-aġenda territorjali 2030;	2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam sal-aġenda territorjali 2030; ***jisħaq li l-approċċ olistiku promoss mill-Patt huwa l-aħjar soluzzjoni għall-isfidi tal-mobbiltà fiż-żoni metropolitani, u joħloq spazju għall-kooperazzjoni u proġetti komuni li jkopru ż-żoni urbani u rurali li jwasslu għal reġjuni sostenibbli u konnessi;***

Or. en

Emenda 116
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam sal-aġenda territorjali 2030;	2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam sal-aġenda territorjali 2030; ***jappella għall-implimentazzjoni kontinwa tal-prinċipji***

tagħhom permezz ta' politiki aktar b'saħħithom ibbażati fuq il-post, żvilupp territorjali bbilanċjat, implimentazzjoni simplifikata u sħubija msaħħa bejn l-Unjoni, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet;

Or. en

Emenda 117
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jilqa' l-portal web tal-Bliet tal-UE bħala għodda importanti li tista' tissimplifika l-aċċess tal-bliet għal kull appoġġ tal-UE li hu disponibbli għalihom attwalment; jissottolinja li l-appoġġ amministrattiv huwa importanti ħafna biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-bliet żgħar u ta' daqs medju fl-azzjonijiet u l-finanzjament Ewropej u biex wieħed jinnaviga l-labirint legali ta' proċeduri kumplessi u t-trikkib tal-leġiżlazzjoni Ewropea u dik nazzjonali; jenfasizza li din l-għodda għandha tippermetti djalogu dirett u aċċess għal soluzzjonijiet imfassla apposta biex jgħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jiċċaraw u jsolvu kwistjonijiet u sfidi puntwali relatati mal-proġetti ffinanzjati Ewropej;

Or. en

Emenda 118
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2a. Jenfasizza li l-iżvilupp urban ma jistax jiġi ttrattat b'mod iżolat mill-iżvilupp territorjali; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi investimenti integrati li jsaħħu r-rabtiet bejn il-bliet, il-bliet żgħar u ta' daqs medju u ż-żoni rurali ġirien, u b'hekk jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali u l-pressjoni fuq l-agglomerazzjonijiet urbani kbar;

Or. ro

Emenda 119
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Ifakkar li, fid-dawl tat-test tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-akkomodazzjoni mhijiex kompetenza tal-Unjoni Ewropea, u li hija l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri tagħha.

Or. fr

Emenda 120
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom;	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom; ***jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-esperjenza tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza wriet il-benefiċċji***

ta' relazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet ċentrali u l-muniċipalitajiet, u għalhekk jemmen li l-isfruttar ta' tali esperjenzi fil-politika ta' koeżjoni futura huwa kwistjoni ta' prijorità, sabiex titwaqqaf kwalunkwe xejra lejn iċ-ċentralizzazzjoni u jiġi żgurat l-involviment sħiħ tal-awtoritajiet lokali — mhux biss fl-implimentazzjoni tal-proġetti iżda wkoll fil-fażi tal-ipprogrammar finanzjarju u fl-istabbiliment tal-prijoritajiet strateġiċi;

Or. it

Emenda 121
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom;	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom; ***jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom l-aħjar għarfien tal-ħtiġijiet territorjali u jitlob li dawn jiġu involuti b'mod sistematiku fid-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' investiment u fit-tfassil ta' programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni;***

Or. ro

Emenda 122
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq

quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom;

quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki ***u tal-prijoritajiet*** Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom; ***jenfasizza għalhekk li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu rikonoxxuti bħala sħab ewlenin fl-implimentazzjoni tal-Aġenda, u dan jirrifletti r-responsabbiltajiet tagħhom għal politiki bħat-trasport, l-ippjanar spazjali u l-akkomodazzjoni;***

Or. en

Emenda 123
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet ***jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu*** involuti ***fl-implimentazzjoni*** tal-politiki ***Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien*** tagħhom;	3. Jissottolinja li l-bliet ***għandhom ikunu*** involuti ***b'mod xieraq fit-tħejjija u l-implimentazzjoni*** tal-politiki ***li jolqtuhom direttament, skont il-kompetenzi tal-Istati Membri, l-istrutturi kostituzzjonali nazzjonali*** tagħhom ***u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità***;

Or. en

Emenda 124
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***ma jridux biss jiġu*** involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki ***Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien***	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***għandhom ikunu*** involuti ***b'mod attiv, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali u***

tagħhom;	***nazzjonali,*** fl-implimentazzjoni tal-politiki ***tal-Unjoni u fi djalogu strutturat dwar inizjattivi ta' politika futuri***;

Or. en

Emenda 125
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***ma jridux biss jiġu*** involuti fl-implimentazzjoni ***tal-politiki Ewropej, iżda wkoll*** fil-ħolqien ***tagħhom***;	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***għandhom ikunu*** involuti ***kemm*** fl-implimentazzjoni ***kif ukoll*** fil-ħolqien ***konġunt tal-politika tal-UE u għalhekk jeħtieġu qafas tal-UE aktar b'saħħtu li jirrikonoxxi n-natura interkonnessa tal-isfidi urbani***;

Or. en

Emenda 126
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***ma jridux biss jiġu*** involuti fl-implimentazzjoni ***tal-politiki Ewropej, iżda wkoll*** fil-ħolqien ***tagħhom***;	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***għandhom ikunu*** involuti ***kemm*** fl-implimentazzjoni ***kif ukoll*** fil-ħolqien ***konġunt tal-politika tal-UE u għalhekk jeħtieġu qafas tal-UE aktar b'saħħtu li jirrikonoxxi n-natura interkonnessa tal-isfidi urbani***;

Or. en

Emenda 127
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***ma jridux biss jiġu*** involuti fl-implimentazzjoni ***tal-politiki Ewropej, iżda wkoll*** fil-ħolqien ***tagħhom***;	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***għandhom ikunu*** involuti ***kemm*** fl-implimentazzjoni ***kif ukoll*** fil-ħolqien ***konġunt tal-politika tal-UE u għalhekk jeħtieġu qafas tal-UE aktar b'saħħtu li jirrifletti n-natura interkonnessa tal-isfidi urbani***;

Or. en

Emenda 128
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***ma jridux biss*** jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej***, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom***;	3. Jissottolinja li l-bliet ***u ż-żoni funzjonali*** jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ***għandhom*** jiġu involuti fl-implimentazzjoni ***u fil-ħolqien*** tal-politiki Ewropej ***permezz ta' governanza strutturata f'diversi livelli f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija***;

Or. en

Emenda 129
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin ***u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti*** fl-implimentazzjoni tal-politiki ***Ewropej, iżda wkoll*** fil-ħolqien ***tagħhom***;	3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin***, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħhom*** fl-implimentazzjoni tal-politiki ***tal-UE fil-prattika, u għaldaqstant għandhom ikunu involuti bis-sħiħ u strutturalment kemm fl-implimentazzjoni kif ukoll*** fil-ħolqien ***tal-politika tal-UE***;

Or. en

Emenda 130
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrikonoxxi, madankollu, li s-suċċess tal-Aġenda tal-UE għall-Bliet se jiddependi fuq il-kapaċità tagħha li ssarraf l-objettivi politiċi f'riżorsi finanzjarji adegwati, governanza f'diversi livelli aktar b'saħħitha u mekkaniżmi ta' implimentazzjoni aktar ċari;

Or. en

Emenda 131
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jilqa' r-rieżami*** ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, ***li ppermetta li jiġu***	4. ***Jieħu nota tar-rieżami*** ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, ***filwaqt li***

riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;	***jenfasizza li r-riallokazzjoni tar-riżorsi kellha tiffoka esklużivament fuq l-isfidi soċjali, it-tnaqqis tad-distakki territorjali, il-kriżi tal-akkomodazzjoni u l-emerġenzi infrastrutturali marbuta mal-kriżi tal-ilma; jinsab imħasseb ħafna dwar l-estensjoni tal-objettivi ta' koeżjoni għal żoni barra mill-missjoni oriġinali tiegħu, għad-detriment tal-baġit għall-iżvilupp territorjali***; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi***, filwaqt li jenfasizza li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju jista' jiġi garantit biss billi d-depopolazzjoni tiġi miġġielda permezz tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, l-appoġġ għall-intraprenditorija lokali u l-konnettività diġitali fiż-żoni periferiċi, rurali u interni***;

Or. it

Emenda 132
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' ***r-rieżami*** ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;	4. Jilqa' ***l-flessibbiltà eżistenti rigward ir-rieżami*** ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti***; Jisħaq li l-flessibbiltà ma tridx tispiċċa tnaqqas l-objettiv fundamentali tal-politika ta' koeżjoni, li huwa dak li jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, u lanqas ma trid iddgħajjef l-approċċi integrati u bbażati fuq il-post jew issir għad-detriment tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà, li huma elementi essenzjali għall-ippjanar tal-investiment fit-tul***; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali

u mar-reġjuni ultraperiferiċi;

Or. ro

Emenda 133
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;	4. Jilqa' r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti ***bħall-akkomodazzjoni u l-infrastrutturi tal-ilma u tal-enerġija***; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi; ***jitlob l-inizjattiva ewlenija tad-dritt li wieħed jibqa' tindirizza fost l-oħrajn, l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bliet żgħar u ta' daqs medju u l-popolazzjoni tagħhom li kulma jmur qed tonqos;***

Or. en

Emenda 134
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;	4. Jilqa' r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti ***bħall-akkomodazzjoni affordabbli, id-dekarbonizzazzjoni industrijali, ir-reżiljenza tal-ilma, it-tranżizzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-SMEs***; jilqa' wkoll l-inizjattivi

relatati mal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;

Or. en

Emenda 135
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jilqa’ r-rieżami*** ta’ nofs it-terminu tal-politika ta’ koeżjoni***, li ppermetta li jiġu riallokati b’mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa’ wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi***;	4. ***Jieħu nota tar-rieżami*** ta’ nofs it-terminu tal-politika ta’ koeżjoni***; jisħaq li kwalunkwe riallokazzjoni tal-finanzjament ta’ koeżjoni trid tibqa’ volontarja għall-Istati Membri kkonċernati u ma tridx iddgħajjef l-objettivi oriġinali tal-politika ta’ koeżjoni jew tnaqqas l-appoġġ għal reġjuni inqas żviluppati, rurali, tal-fruntiera u żvantaġġati demografikament***;

Or. en

Emenda 136
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa’ r-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-politika ta’ koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b’mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa’ wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u ***mar-reġjuni*** ultraperiferiċi;	4. Jilqa’ r-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-politika ta’ koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b’mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa’ wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, mal-gżejjer, mar-reġjuni ***muntanjużi, rurali,*** kostali u ultraperiferiċi;

Or. en

Emenda 137
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jilqa'*** r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa' ***wkoll*** l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;	4. ***Jirrikonoxxi*** r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa' l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;

Or. en

Emenda 138
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob li l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet urbani u l-allokazzjoni tar-riżorsi jqisu, minbarra l-popolazzjoni residenti, il-popolazzjoni effettivament moqdija, il-popolazzjoni mhux permanenti, l-għadd ta' studenti, il-flussi tal-ivvjaġġar ta' kuljum u l-utenti tas-servizzi pubbliċi fiż-żona urbana funzjonali kollha; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija komuni għall-kejl tal-pressjoni urbana u metropolitana, applikabbli fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni;

Or. ro

Emenda 139

Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi; ***jissottolinja li ekonomiji urbani b'saħħithom huma prekundizzjoni għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa, minħabba l-konċentrazzjoni tal-kapaċità industrijali, l-infrastruttura tar-riċerka u l-ħaddiema b'ħiliet fiż-żoni urbani;***

Or. en

Emenda 140
Alexandra Mehnert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, ***tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività*** Ewropea, ***kif ukoll*** ċentri biex jattiraw ***talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi***;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet ***żgħar, ta' daqs medju u kbar u taċ-ċentri reġjonali*** bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, ***l-innovazzjoni, il-kultura, l-edukazzjoni u l-kompetittività*** Ewropea, ***u bħala*** ċentri biex jattiraw ***it-talent, l-investiment u l-attività ekonomika, speċjalment fir-reġjuni affettwati mit-tibdil demografiku u t-tibdil strutturali ekonomiku***;

Or. de

Emenda 141
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi***, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali jitqassmu b'mod aktar ugwali u li l-iżvilupp urban jibqa' inklużiv***;

Or. en

Emenda 142
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi ***kif ukoll atturi ewlenin fil-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni u l-għajxien tajjeb għas-saħħa***;

Or. en

Emenda 143
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi***, filwaqt li jiżguraw żvilupp territorjali bbilanċjat fir-reġjuni kollha***;

Or. en

Emenda 144
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku ***sostenibbli u inklużiv***, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;

Or. en

Emenda 145
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, ***tal-wirt kulturali,*** tal-edukazzjoni ***tal-isport*** u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;

Or. en

Emenda 146
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;	5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni***, tal-inklużjoni soċjali*** u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;

Or. en

Emenda 147
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja r-rwol tal-bliet fl-ekosistema tal-innovazzjoni urbana bħala entitajiet b'governanza strutturata u kapaċità operazzjonali għall-pilotaġġ, l-ittestjar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi; jisħaq li l-appoġġ, l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji Ewropej u l-iżvilupp taċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Urbana huma kruċjali għall-funzjonament u l-iżvilupp ta' dawn is-sistemi, u dan iwassal għal tkabbir sostenibbli u żieda fil-kompetittività tal-bliet Ewropej; jenfasizza b'mod partikolari l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali, l-intelliġenza artifiċjali u l-governanza mmexxija mid-data biex itejbu l-ġestjoni tal-mobbiltà, l-effiċjenza enerġetika, is-sikurezza urbana, il-

monitoraġġ tal-kwalità tal-arja u t-twettiq tas-servizzi pubbliċi;

Or. en

Emenda 148
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Ifakkar li t-tisħiħ tal-kompetittività u l-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali għandhom ikunu objettivi ta' tisħiħ reċiproku tal-politiki ta' investiment futuri tal-Unjoni; jirrikonoxxi l-importanza tal-ekosistemi lokali u reġjonali fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-bliet Ewropej billi jiġu konnessi n-negozji, l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-awtoritajiet pubbliċi; jisħaq li t-tisħiħ tal-kompetittività tal-bliet Ewropej għandu jimxi id f'id mat-tisħiħ tar-reżiljenza, l-adattabbiltà ekonomika u l-kapaċità tagħhom li jirrispondu għal kriżijiet futuri;

Or. en

Emenda 149
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet fil-promozzjoni tal-kultura, il-valuri u t-tradizzjonijiet Ewropej kif ukoll il-wirt kulturali; jissottolinja l-importanza li jitqiesu ċ-ċentri storiċi tal-ibliet u li jiġi ppreżervat il-wirt storiku u kulturali Ewropew fit-tfassil ta' kwalunkwe

inizjattiva ta' akkomodazzjoni jew effiċjenza enerġetika li tista' taffettwa dan il-wirt; billi ż-żoni urbani huma ġebla tax-xewka tal-identità, tal-wirt kulturali u tad-diversità Ewropej;

Or. en

Emenda 150
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-investimenti privati u l-intraprenditorija, inklużi l-SMEs u n-negozji ġodda.

Or. en

Emenda 151
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli;	6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli; ***jenfasizza, għal dak l-għan, il-ħtieġa ta' tranżizzjoni sistemika lejn politiki integrati bbażati fuq il-post, appoġġjati minn data ġeoreferenzjata u sistemi ta' informazzjoni ġeografika (GIS), biex l-inugwaljanzi jiġu mmappjati b'mod analitiku; jitlob li tintemm in-natura frammentata tas-sejħiet, peress li dan spiss ipoġġi lill-awtoritajiet lokali b'inqas kapaċità amministrattiva fi żvantaġġ, u ċaqliqa lejn finanzjament strutturali u***

mekkaniżmi ta' kodisinn; jitlob li tali strumenti jkunu mmirati primarjament lejn it-tnaqqis tad-distakki fl-opportunitajiet mikroterritorjali u r-rimedju tal-faqar edukattiv, u b'hekk tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fiż-żoni urbani l-aktar vulnerabbli;

Or. it

Emenda 152
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli;	6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli; ***li l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa huma integrali għalih; jenfasizza d-differenza wiesgħa fid-data dwar il-ġeneri fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni u l-ippjanar urban u jistieden lill-Istati Membri jintroduċu metodi għall-ġbir tad-data bl-użu ta' data diżaggregata skont il-ġeneru;***

Or. en

Emenda 153
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli;	6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli; ***ifakkar li l-politika ta' koeżjoni għandha tibqa' politika ta' investiment b'saħħitha***

u bbażata fuq il-post li tappoġġja l-iżvilupp territorjali bbilanċjat, tnaqqas id-disparitajiet reġjonali, issaħħaħ il-kompetittività u tiżgura li l-ebda territorju ma jitħalla jibqa' lura;

Or. en

Emenda 154
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli;	6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli; ***jissottolinja l-ħtieġa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi u jiġu żgurati servizzi pubbliċi aċċessibbli u ta' kwalità;***

Or. it

Emenda 155
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli;	6. Jenfasizza li l-koeżjoni ***ekonomika,*** soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli;

Or. en

Emenda 156
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-effett ta' "ġżira ta' sħana urbana" (UHI) li qed jaggrava, u huwa sfida dejjem akbar għas-saħħa pubblika u għall-kwalità tal-ħajja fil-belt; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi pjanijiet ta' ekoloġizzazzjoni urbana u miżuri integrati ta' riġenerazzjoni tal-ekosistemi fost il-prijoritajiet tal-aġenda urbana għall-UE, inklużi kurituri ħodor u blu u d-deimpermeabilizzazzjoni tal-ħamrija; jirrakkomanda li tali miżuri jippromwovu d-dell naturali u l-permeabbiltà tal-infrastruttura pubblika, skolastika u pedonali abbażi ta' mapep tad-dell u analiżijiet mikroklimatiċi lokali, sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tal-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli;

Or. it

Emenda 157
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza r-rwol tal-bliet bħala atturi ewlenin fit-twettiq tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; jitlob li l-politika ta' koeżjoni u strumenti oħra tal-Unjoni jappoġġjaw lill-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, fit-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi, fit-tnaqqis tal-emissjonijiet u fit-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi diġitali b'mod li l-ebda ċittadin ma jitħalla jibqa' lura;

Or. en

Emenda 158
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza li l-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa jridu jkunu objettiv orizzontali tal-politiki kollha tal-iżvilupp urban u tal-politika ta' koeżjoni, f'konformità mal-approċċ "Is-Saħħa fil-Politiki Kollha" tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;

Or. en

Emenda 159
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà;	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà; ***jenfasizza, għal dan l-għan, li s-sikurezza urbana ma tistax tkun ibbażata biss fuq miżuri ta' sorveljanza u monitoraġġ iżda trid tiġi segwita permezz ta' strateġija integrata tas-sigurtà soċjali; jisħaq fuq l-importanza tal-investiment fir-riġenerazzjoni tal-ispazji pubbliċi, il-ħolqien ta' faċilitajiet soċjali, kulturali u sportivi u l-irkupru tan-nisġa komunitarja, bħala għodod ewlenin għall-prevenzjoni tal-emarġinazzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità u l-promozzjoni ta' kwartieri ħajjin u inklużivi;***

Or. it

Emenda 160
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà;	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà ***speċjalment fil-fruntiera tal-Lvant kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-Reġjuni tal-Fruntiera tal-Lvant, ta' Frar 2026***; ***jisħaq li l-bliet u l-awtoritajiet lokali jinsabu fuq quddiem nett f'dak li għandu x'jaqsam ma' reazzjoni rapida għal sitwazzjoni ta' kriżi, kemm fil-każ ta' kriżijiet naturali u kemm ta' dawk li mhumiex; jenfasizza l-importanza tal-infrastruttura, tal-mekkaniżmi u tal-protokolli tal-protezzjoni ċivili u tat-tixrid lokali ta' informazzjoni importanti dwar dawn l-aspetti;* Or. en

Emenda 161
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà;	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà ***u s-sikurezza pubblika, inkluż permezz ta' miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żieda fir-rati tal-kriminalità urbana, it-titjib tas-sikurezza fit-toroq u t-tisħiħ tal-immaġni tal-ispazji pubbliċi***; ***jenfasizza li ambjenti urbani sikuri, siguri u li jiffunzjonaw tajjeb huma essenzjali wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi fiż-żoni urbani, tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u biex il-bliet isiru postijiet aktar attraenti fejn wieħed jgħix, jaħdem u jrabbi l-familji;***

Or. en

Emenda 162
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà;	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà ***u tal-preparatezza ċivili***; ***jirrimarka li l-bliet fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant huma esposti direttament għall-konsegwenzi ta' theddid ibridu, inklużi inkursjonijiet tad-droni fl-ispazju tal-ajru tal-Unjoni, li fixklu t-traffiku tal-ajru, it-turiżmu u l-fiduċja tal-investituri lil hinn ferm miż-żoni milquta immedjatament; iqis li dawn il-bliet jeħtieġu appoġġ iddedikat taħt il-politika ta' koeżjoni u l-Aġenda tal-UE għall-Bliet;***

Or. en

Emenda 163
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà;	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà; ***jisħaq li politiki effettivi tas-sigurtà urbana għandhom jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-kriminalità u l-vjolenza, isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u jiżguraw li l-ispazji pubbliċi jibqgħu sikuri u aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha;***

Or. en

Emenda 164
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà;	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà***, inklużi l-ordni pubbliku, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġestjoni tal-effetti lokali tal-migrazzjoni irregolari, u jisħaq li riżorsi u kompetenzi adegwati jridu jibqgħu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali***;

Or. en

Emenda 165
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà***;***	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà ***u fit-tħejjija għall-kriżijiet. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet li jinsabu fir-reġjuni tal-fruntiera u fit-territorji l-aktar esposti għal riskji ġeopolitiċi.***

Or. it

Emenda 166
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ	7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà ***u fil-ġlieda kontra t-theddid***

tas-sigurtà;

ibridu, u f'dan il-kuntest jenfasizza s-sitwazzjoni partikolari tal-bliet fiż-żona tal-fruntiera tal-Lvant li tmiss mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna;

Or. ro

Emenda 167
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija Ewropea ġdida għall-ġlieda kontra d-drogi sintetiċi, it-tishih tal-prevenzjoni, il-kooperazzjoni transfruntiera, il-monitoraġġ ta' sustanzi psikoattivi ġodda u approċċ integrat li jorbot is-saħħa, inklużi s-saħħa mentali u s-saħħa pubblika, is-sikurezza u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jitqies l-impatt dejjem jikber ta' dawn il-fenomeni fuq il-bliet, u fuq l-aktar gruppi vulnerabbli; u l-ħtieġa li jitqiesu r-rotot differenti tat-traffikar, inklużi r-rotot tal-Atlantiku, u l-karatteristiċi speċifiċi tal-bliet fir-reġjuni tal-fruntiera, periferiċi u ultraperiferiċi f'dan ir-rigward;

Or. pt

Emenda 168
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jitlob li l-investimenti fil-preparatezza ċivili urbana, inklużi l-postijiet ta' kenn pubbliċi, il-kapaċitajiet

ta' kumulazzjoni ta' riżerva, il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza u l-kapaċitajiet elettroniċi kontra d-droni tal-infrastruttura urbana kritika, ikunu eliġibbli fl-ambitu tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jappella, barra minn hekk, għal kundizzjonijiet ta' finanzjament imtejba għall-bliet fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, inklużi rati ogħla ta' kofinanzjament tal-Unjoni u żieda fil-prefinanzjament, li jirriflettu l-esponiment tas-sigurtà tagħhom u l-kapaċità fiskali ristretta;

Or. en

Emenda 169
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li l-effikaċja tal-istrateġiji integrati tas-sigurtà soċjali tiddependi wkoll mill-kapaċità amministrattiva u operattiva tal-awtoritajiet lokali; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-miżuri mmirati lejn it-taħriġ tal-persunal muniċipali responsabbli għall-għoti ta' servizzi bbażati fil-komunità, bħall-ħaddiema soċjali, l-edukaturi tat-toroq u l-medjaturi kulturali, biex b'hekk tiġi żgurata l-kontinwità tal-istrutturi li jippromwovu l-legalità u l-inklużjoni fl-aktar viċinati diffiċli;

Or. it

Emenda 170
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi li l-pressjoni persistenti li tirriżulta mill-migrazzjoni tista' tpoġġi piżijiet sinifikanti fuq l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u servizzi lokali oħra u tista' toħloq ukoll sfidi addizzjonali għas-sigurtà pubblika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu dawn l-impatti meta jiżviluppaw il-politiki urbani;

Or. en

Emenda 171
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għandu jinkludi fergħa urbana ddedikata għall-bliet żgħar u ta' daqs medju, aċċessibbli direttament għall-bliet u ż-żoni urbani funzjonali, biex jappoġġja l-kapaċità amministrattiva, l-innovazzjoni tas-settur pubbliku, it-tħejjija tal-proġetti u r-riformi meħtieġa biex titwettaq l-Aġenda tal-UE għall-Bliet;

Or. en

Emenda 172
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7a. Jisħaq li f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-bliet, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu proċeduri ta' akkwist rapidi u simplifikati, proċess ta' permessi rapidu u proċeduri ċari ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli l-oħra sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 173
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jappoġġja l-ambjenti favur il-familja u l-infrastrutturi bbażati fil-komunità fil-bliet biex jiġu promossi kundizzjonijiet favorevoli fil-formazzjoni ta' familji ġodda għaż-żgħażagħ u għall-gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 174
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jenfasizza l-importanza li nitbiegħdu minn mudelli urbani segregati li jagħtu l-impressjoni ta' nuqqas ta' sigurtà; jenfasizza, għal dak l-għan, il-ħtieġa li tiġi promossa varjazzjoni funzjonali u temporali fil-viċinati periferiċi u fiċ-ċentri ta' interkambju, filwaqt li jiġu appoġġjati l-iskedi ta' żmien u l-iskedi urbani bħala għodod għall-

	governanza territorjali li bihom jiġu rregolati u sinkronizzati r-ritmi tal-belt, sabiex jiġu rrikonċiljati x-xejriet tal-ħajja ta' kuljum mal-ħtiġijiet tal-postijiet tax-xogħol u tas-servizzi pubbliċi; jirrimarka li dan l-approċċ, li jagħmilha aktar faċli biex is-servizzi, il-kummerċjanti żgħar u l-attivitajiet kulturali jistabbilixxu ruħhom f'postijiet differenti, huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-fluss pedonali u s-sorveljanza soċjali naturali u kontinwa;

Or. it

Emenda 175
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jappoġġja l-istabbiliment ta' spazji ħodor u pajsaġġi naturali fiż-żoni urbani permezz ta' politika ta' tħawwil adegwata; iqis li l-ispazji ħodor fiż-żoni urbani jikkontribwixxu għal kwalità tal-ħajja aqwa permezz tat-titjib tal-kwalità tal-arja u għandhom effetti pożittivi fuq is-saħħa taċ-ċittadini; jirrikonoxxi li l-promozzjoni tal-ispazji ħodor fiż-żoni urbani tikkontribwixxi għal protezzjoni aqwa tal-ambjent aħjar u t-twettiq tal-objettivi klimatiċi tal-UE.

Or. en

Emenda 176
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	7c. Jafferma mill-ġdid li l-ispazju urban hu beni komuni ewlieni, u l-aċċessibbiltà u t-tgawdija pubblika ugwali tiegħu għandhom ikunu protetti mill-perikli tal-frammentazzjoni territorjali u l-esklużjoni soċjali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati proġetti ta' riġenerazzjoni urbana bbażati fuq il-ġestjoni kondiviża tal-beni komuni u tfassil ambjentali ppjanat sewwa, bħala għodod ewlenin biex jiġu promossi preżenza komunitarja mifruxa u sorveljanza soċjali naturali u attiva fuq il-post; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-valur ta' forestazzjoni urbana mmirata bħala mezz strateġiku ta' sigurtà integrata bis-setgħa kemm li twassal sens ta' preżenza istituzzjonali u komunitarja, sabiex jiġu prevenuti l-kriminalità u l-ħsarat, kif ukoll li tagħti spinta lir-reżiljenza għall-klima billi tnaqqas l-effett "ġżira ta' sħana", ittaffi r-riskji ta' għargħar u ttejjeb l-għajxien u s-saħħa pubblika fi spazji urbani vulnerabbli;
	Or. it

Emenda 177
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jirrikonoxxi li*** l-kriżi tal-akkomodazzjoni ***tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali***; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. ***Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata*** l-kriżi tal-akkomodazzjoni ***bħala prijorità politika u jinsab imħasseb ħafna dwar l-isfidi tal-akkomodazzjoni li jiffaċċjaw u li kulma jmur qegħdin jikbru, b'mod partikolari għall-istudenti u għaż-żgħażagħ li jitħarrġu fl-UE, li r-rata ta' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni hija konsistentement ogħla mill-medja***; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;

jenfasizza wkoll l-importanza li l-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda tiġi ssupplimentata bir-restawr, l-użu mill-ġdid u r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti, u li l-akkomodazzjoni aċċessibbli tiġi kkombinata ma' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u l-modifika sismika tal-bini, sabiex jitħaffu s-soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni u jiġi miġġieled it-teħid tal-art;

Or. it

Emenda 178
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli; ***jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tista' tagħti kontribut sinifikanti fil-bliet biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-akkomodazzjoni billi tappoġġja l-investimenti f'akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jisħaq fuq l-importanza li tiżdied id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni soċjali ta' kwalità u li jiġi żgurat li l-politiki tal-akkomodazzjoni jirrispondu għall-ħtiġijiet reali tal-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, iż-żgħażagħ u l-familji, billi jiġu promossi l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-inklużjoni soċjali;***

Or. en

Emenda 179
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali***; jinnota li l-pressjoni dejjem akbar fuq is-swieq tal-akkomodazzjoni f'ħafna bliet Ewropej hija xprunata minn taħlita ta' fatturi li tinkludi provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni, żviluppi demografiċi u pressjonijiet migratorji u għalhekk tirrikjedi risponsi ta' politika komprensivi***; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli; ***jisħaq li ż-żieda fil-provvista tal-akkomodazzjoni tibqa' essenzjali għat-titjib tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni; jappella għal appoġġ kemm għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni ġdida kif ukoll għar-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni eżistenti filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali;***

Or. en

Emenda 180
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew

futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	futur għal akkomodazzjoni affordabbli; ***ifakkar li l-politiki tal-akkomodazzjoni jibqgħu primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tiffoka fuq l-iffaċilitar tal-investiment, it-tneħħija tal-ostakli u l-appoġġ għall-iskambju tal-aħjar prattiki filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà;***

Or. en

Emenda 181
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali ***tal-Istati Membri u*** tal-awtoritajiet ***reġjonali u*** lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni ***skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà*** u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli***, dment li jirrispetta l-kompetenza nazzjonali, jappoġġja kemm l-akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli kif ukoll l-aċċess għas-sjieda tad-djar, u jimmobilizza aktar milli jiddevja r-riżorsi ta' koeżjoni eżistenti***;

Or. en

Emenda 182
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-

akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli; ***jitlob appoġġ akbar għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati, l-użu mill-ġdid ta' żoni urbani eżistenti u r-rinnovazzjoni ta' bini mhux użat biżżejjed bħala mezz biex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni filwaqt li titnaqqas il-pressjoni fuq l-art mhux żviluppata;***

Or. en

Emenda 183
André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni ***u jilqa' l-pjan*** Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni ***— b'mod partikolari l-kriżi tal-akkomodazzjoni soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea —*** tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni***; filwaqt li jfakkar li l-Unjoni Ewropea ma għandha l-ebda kompetenza fil-qasam tal-akkomodazzjoni, u dan jikkontradixxi l-loġika tal-pjan*** Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;

Or. fr

Emenda 184
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli; ***jisħaq li l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-akkomodazzjoni trid tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri, id-diversità tas-sistemi tal-akkomodazzjoni nazzjonali u lokali u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;***

Or. en

Emenda 185
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet ***politiċi*** prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet prinċipali ***politiċi u soċjali; jisħaq li l-kriżi tvarja b'mod konsiderevoli bejn il-bliet u t-territorji***; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir ***u l-implimentazzjoni rapida*** tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni***, permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq il-post żviluppati b'mod konġunt mill-bliet, ir-reġjuni u l-Istati Membri;*** u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;

Or. en

Emenda 186
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni ***tirrappreżenta*** waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir ***tal-istrateġiji*** effikaċi tal-akkomodazzjoni ***u*** jilqa' ***l-pjan*** Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni ***tikkostitwixxi*** waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali ***tal-Unjoni***; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir ***u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji*** effikaċi tal-akkomodazzjoni***, b'mod partikolari billi jiżviluppaw soluzzjonijiet li jippromwovu l-aċċess għaż-żgħażagħ, il-familji u l-klassi medja;*** jilqa' ***l-inizjattiva dwar il-pjan*** Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;

Or. pt

Emenda 187
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli; ***jisħaq li ż-żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni pubblika soċjali sostenibbli u affordabbli għandha ssir waħda mill-prijoritajiet ta' investiment strateġiku tal-Politika ta' Koeżjoni futura;***

Or. en

Emenda 188
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni ***u*** jilqa' l-pjan Ewropew ***futur*** għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni***.*** Jilqa' l-pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli ***futur u jappoġġja r-rikors għal investimenti pubbliċi u privati biex tingħata spinta lill-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli***;

Or. it

Emenda 189
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew ***futur*** għal akkomodazzjoni affordabbli;	8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli ***futur u jitlob li dan ikun akkumpanjat minn riżorsi finanzjarji suffiċjenti***;

Or. ro

Emenda 190
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istrateġija li jmiss tal-UE għat-Turiżmu Sostenibbli tindirizza l-impatt negattiv dejjem jikber tat-turiżmu tal-massa u l-proliferazzjoni tal-kirjiet għal żmien qasir fuq l-akkomodazzjoni kif ukoll fuq l-ekonomiji urbani u l-għajxien, anke f'termini ta' spostament tas-servizzi essenzjali, li jiggrava l-ġentrifikazzjoni, b'mod partikolari f'żoni urbani, kostali u rurali bi pressjoni għolja; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri leġiżlattivi u finanzjarji konkreti biex jappoġġjaw lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni turistika f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, fl-indirizzar tal-konverżjoni ta' akkomodazzjoni residenzjali f'unitajiet turistiċi, inkluż dawk illegali, u fl-infurzar tal-legalità; jemmen li l-preżervazzjoni tal-bliet bħala postijiet fejn in-nies jistgħu jgħixu, u mhux biss iżuru, trid tkun pilastru ewlieni ta' mudell tat-turiżmu sostenibbli;

Or. en

Emenda 191
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq fuq ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fl-indirizzar tal-isfidi tal-akkomodazzjoni permezz tal-modernizzazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti, l-istrateġiji integrati ta' riġenerazzjoni urbana, ir-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni tal-bini u l-infrastruttura (li għalihom il-fondi tal-UE għandhom ikunu disponibbli f'każijiet ġustifikati), l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tal-akkomodazzjoni, u l-adattament ta' bini pubbliku jew bini

vakanti għal użi soċjali u ekonomiċi ġodda; iħeġġeġ l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli, pereżempju fl-ambitu tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida, li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, jagħġornaw il-wirt lokali u jtejbu r-reżiljenza tal-viċinati;

Or. pt

Emenda 192
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li l-kompetenza dwar l-akkomodazzjoni hija kompetenza li tinvolvi direttament lill-entitajiet lokali u lill-awtoritajiet urbani; jinsisti li kwalunkwe azzjoni f'dan il-qasam trid tirrispetta r-rwol u l-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali f'dan ir-rigward; jisħaq ukoll li kwalunkwe inizjattiva mill-Kummissjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà billi tibda mil-livell lokali u tirrispetta b'mod speċifiku lill-awtoritajiet lokali f'dan il-qasam; jissuġġerixxi li fil-livell tal-UE, l-azzjonijiet jistgħu jikkonsistu f'appoġġ lill-entitajiet lokali permezz tal-fondi tal-UE, it-tnaqqis tal-proċeduri burokratiċi eċċessivi u l-iffaċilitar tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-enerġija fil-livell tal-kostruzzjoni;

Or. en

Emenda 193
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni, meta timplimenta l-pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli, torbot kundizzjonijiet soċjali mal-allokazzjoni tal-finanzjament tal-UE għall-akkomodazzjoni tal-istudenti, sabiex jiġi żgurat li l-investimenti jkunu diretti primarjament lejn korpi ta' ġestjoni mingħajr skop ta' qligħ, proġetti mmirati lejn ir-riġenerazzjoni urbana ta' spazju pubbliku mhux użat u akkomodazzjoni kooperattiva permanenti bi prezzijiet ikkontrollati, bħala mezz essenzjali biex jiġu indirizzati d-disparitajiet fl-attraenza tar-reġjuni bħala postijiet għall-istudju u tipi salvagwardjata l-koeżjoni territorjali;

Or. it

Emenda 194
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza li l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli sostenibbli għandu jiġi indirizzat permezz ta' strateġiji integrati ta' riġenerazzjoni urbana u ta' żvilupp urban ibbażat fuq il-post, li jlaqqgħu flimkien l-akkomodazzjoni soċjali u pubblika, ir-riġenerazzjoni tal-kwartieri, l-ispazju pubbliku, ir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-mobbiltà sostenibbli, l-aċċessibbiltà għas-servizzi essenzjali u l-infrastruttura soċjali; jisħaq li tali strateġiji għandhom jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-bliet u taż-żoni

urbani funzjonali u jirriflettu kemm jista' jkun il-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

Or. en

Emenda 195
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jitlob li r-rata ta' kofinanzjament Ewropew tqis in-natura metropolitana tal-investiment, il-kontribut tiegħu għall-objettivi klimatiċi u soċjali tal-Unjoni, l-għadd reali ta' benefiċjarji u l-kapaċità tal-proġett li jiġġenera dħul, mhux il-kategorija tal-iżvilupp tar-reġjun biss; jitlob żieda fir-rata ta' kofinanzjament għal proġetti interkomunitarji, investimenti fil-Kuntratti tal-Bliet dwar il-Klima u infrastruttura pubblika essenzjali mingħajr dħul suffiċjenti;

Or. ro

Emenda 196
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li waħda mill-akbar sfidi għall-bliet hija l-kriżi tal-akkomodazzjoni li jeħtieġ li tiġi indirizzata miż-żewġ perspettivi: in-nuqqas ta' djar ta' kwalità u affordabbli għall-familji u ż-żgħażagħ, u l-bini abbandunat; jissottolinja li l-bini u l-ispazji abbandunati mhumiex biss opportunitajiet ta' akkomodazzjoni mitlufa iżda wkoll perikli għas-sigurtà li

qed inaqqsu l-kwalità tal-kwartieri u l-kwalità tal-ħajja fiż-żona;

Or. en

Emenda 197
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu għodod finanzjarji mmirati fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni biex jassistu lill-awtoritajiet lokali f'żoni kostali u urbani tal-ġejjer b'domanda għolja fl-espansjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni pubblika, tal-istudenti u affordabbli, filwaqt li jipprevjenu l-ispostament taż-żgħażagħ u tal-ħaddiema lokali essenzjali;

Or. en

Emenda 198
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jenfasizza li t-tranżizzjoni lejn stokk tal-bini dekarbonizzat għandha tiġi appoġġjata permezz ta' strateġiji territorjali integrati li jorbtu l-ippjanar tal-enerġija, il-politiki ta' rinnovazzjoni u l-iżvilupp urban sostenibbli mill-bidu nett; jenfasizza r-rwol ewlieni tal-bliet u r-reġjuni fil-koordinazzjoni tal-Pjani Lokali għat-Tishin u t-Tkessiħ mal-Pjani Nazzjonali għar-Rinnovazzjoni tal-Bini u jappella għall-involviment effettiv

tagħhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-investimenti relatati;

Or. en

Emenda 199
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jissottolinja li l-istudenti huma affettwati b'mod speċjali mill-kriżi tal-akkomodazzjoni u l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli u l-programmi Ewropej l-oħra kollha għandhom jikkunsidraw varjetà ta' strumenti finanzjarji Ewropej u nazzjonali biex isibu soluzzjoni malajr għal din l-isfida, u jtejbu l-kwalità tal-ħajja u l-affordabbiltà tal-edukazzjoni għolja għaż-żgħażagħ Ewropej;

Or. en

Emenda 200
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jissottolinja li huwa vitali li jiġu esplorati kif tiġi evitata d-depopolazzjoni fiż-żoni rurali u fil-bliet ta' daqs medju u żgħir, filwaqt li jiġi promoss l-aċċess għall-akkomodazzjoni permezz ta' miżuri li jinkludu kemm azzjonijiet ta' akkomodazzjoni kif ukoll il-forniment adegwat ta' infrastruttura soċjali, tas-saħħa, edukattiva, tal-enerġija u tat-trasport f'żoni milquta minn tnaqqis

demografiku;

Or. en

Emenda 201
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jirrakkomanda l-introduzzjoni sistematika ta' "verifika tat-tfal" bħala strument stabbilit għall-analiżi territorjali u l-monitoraġġ ex ante għall-programmi ta' riġenerazzjoni urbana u akkomodazzjoni soċjali ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni, sabiex jiġi vvalutat l-impatt ġenerazzjonali ta' kull inizjattiva ta' ppjanar urban fuq id-drittijiet tat-tfal;

Or. it

Emenda 202
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jirrimarka li ż-żoni urbani insulari u periferiċi jiffaċċjaw spejjeż ogħla tal-kostruzzjoni u tat-trasport għall-materja prima; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippermetti aktar flessibbiltà u rati ogħla ta' kofinanzjament għall-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika f'dawn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 203
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jitlob li l-aċċess għall-akkomodazzjoni u s-servizzi assoċjati jiġu kkunsidrati bħala qasam ewlieni fl-objettivi ta' politika fil-fondi futuri tal-politika ta' koeżjoni, speċjalment diretti lejn il-ġenerazzjonijiet tagħna li jmiss, u għall-aġenda politika dwar l-ibliet; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-miżuri relatati mal-akkomodazzjoni li jistgħu jiġu ffinanzjati bil-fondi ta' koeżjoni jridu jkunu eliġibbli skont id-domandi u l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tagħhom;

Or. en

Emenda 204
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jissottolinja li l-iskarsezza ta' akkomodazzjoni affordabbli għall-istudenti f'ħafna bliet Ewropej tikkostitwixxi ostaklu dejjem akbar għall-aċċess ugwali għall-edukazzjoni għolja, il-mobbiltà u l-iżvilupp tal-ħiliet; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jesploraw mekkaniżmi ta' finanzjament iddedikati u sħubijiet pubbliċi-privati bl-għan li jżidu l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u ta' kwalità għolja għall-istudenti;

Or. en

Emenda 205
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli li jiffaċċjaw diffikultà finanzjarja severa u r-riskju ta' preklużjoni tad-dritt ipotekarju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw il-politika ta' koeżjoni biex jiffinanzjaw servizzi ta' konsulenza lokali, mekkaniżmi ta' medjazzjoni tad-dejn, u xbieki ta' sikurezza tal-akkomodazzjoni mmirati lejn il-prevenzjoni ta' żgumbramenti furzati u l-iżgurar taż-żamma ta' residenzi primarji;

Or. en

Emenda 206
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jemmen li kwalunkwe użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għal proġetti ta' akkomodazzjoni jrid ikun allinjat mal-politika nnifisha u għandu jevita li jippromwovi l-popolazzjoni żejda f'żoni urbani b'ħafna popolazzjoni; iqis li l-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għal proġetti ta' akkomodazzjoni għandu jirrispetta l-għan tiegħu li tiġi miġġielda d-depopolazzjoni fir-reġjuni li għadhom lura; jissuġġerixxi li l-objettivi għall-ġlieda kontra d-depopolazzjoni f'ċerti reġjuni u bliet, kif ukoll l-iskarsezza ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni jistgħu jiġu indirizzati simultanjament permezz ta' proġetti ta' konnettività mtejba;

Or. en

Emenda 207
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jesprimi tħassib serju dwar l-akkwist fuq skala kbira ta' art u proprjetà immobbli residenzjali minn fondi spekulattivi u investituri minn pajjiżi terzi, li jgħollu l-prezzijiet tal-proprjetà b'mod artifiċjali u jispostaw il-komunitajiet lokali; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni ta' salvagwardji regolatorji u mekkaniżmi ta' skrinjar lokali mmirati biex jipproteġu s-swieq tal-akkomodazzjoni reġjonali minn investimenti predatorji mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 208
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-bliet fl-isforz tagħhom biex jagħtu spinta lir-rinnovazzjoni u l-konverżjoni ta' bini vakanti u abbandunat f'akkomodazzjoni affordabbli, akkomodazzjoni għall-istudenti u infrastruttura soċjali; jesprimi tħassib dwar il-finanzjalizzazzjoni dejjem tikber tal-akkomodazzjoni u l-impatt ta' prattiki spekulattivi eċċessivi u swieq tal-kiri għal żmien qasir fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 209
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom; ***jisħaq li dan il-prinċipju jista' jiġi ggarantit biss billi jsir investiment f'impjiegi ta' kwalità, akkomodazzjoni affordabbli, infrastruttura, servizzi pubbliċi u konnettività, speċjalment f'reġjuni li qed jiffaċċjaw tnaqqis demografiku u depopolazzjoni; jenfasizza li dan l-objettiv huwa aktar u aktar importanti meta jitqies li l-popolazzjoni tar-reġjuni fil-biċċa l-kbira rurali fl-UE naqset b'medja ta' 0.1 % fis-sena bejn l-2015 u l-2020, filwaqt li l-popolazzjoni tar-reġjuni fil-biċċa l-kbira urbani żdiedet b' 0.4 % fis-sena, u dan jenfasizza l-ħtieġa ta' investimenti territorjali bbilanċjati;***

Or. ro

Emenda 210
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li

jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;	jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom; ***jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-aġendi urbani jiġu kkoordinati ma' strateġiji għaż-żoni interni u muntanjużi, sabiex jiġu żgurati investimenti fl-infrastruttura diġitali u fiżika biex jiġu indirizzati d-depopolazzjoni u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, b'mod partikolari f'reġjuni li jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali;***

Or. it

Emenda 211
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom; ***jisħaq li l-bliet tal-fruntiera tal-Lvant huma partikolarment mhedda minħabba li l-gwerra fl-Ukrajna wasslet għall-għeluq tal-fruntieri, għat-tmiem ta' rabtiet ekonomiċi u soċjali, u għat-tnaqqis tal-attraenza jew tar-reġjuni għall-investituri u l-atturi ekonomiċi;***

Or. en

Emenda 212
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-

prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;

prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom; ***jisħaq li l-indirizzar tat-tnaqqis demografiku għandu jsir parti integrali mill-politiki tal-iżvilupp urban billi jinħolqu kundizzjonijiet li jħeġġu liż-żgħażagħ u lill-familji jibqgħu jaħdmu u jrabbu t-tfal fil-bliet Ewropej;***

Or. en

Emenda 213
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni ***li jkunu jistgħu*** jagħżlu li jgħixu, ***jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom***;	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni ***kollha li jibqgħu, jgħixu u jirnexxu fil-post fejn*** jagħżlu li jgħixu, ***permezz ta’ aċċess effettiv għall-opportunitajiet, servizzi ta’ interess ġenerali ta’ kwalità, edukazzjoni, kura tas-saħħa, impjieg deċenti u kundizzjonijiet tal-għajxien adegwati, mingħajr ma jkunu mġiegħla jitilqu minħabba disparitajiet ekonomiċi jew soċjali***;

Or. en

Emenda 214
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-

prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;	prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom***, appoġġati mill-aċċess għal servizzi pubbliċi ta’ kwalità, inklużi t-trasport, l-akkomodazzjoni affordabbli, l-impjiegi ta’ kwalità għolja u l-opportunitajiet indaqs***;

Or. en

Emenda 215
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom; ***jistieden lill-Kummissjoni timplimenta dan il-prinċipju b’mod effettiv u konkret fil-perjodu tal-QFP il-ġdid;***

Or. en

Emenda 216
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza ***tal-prinċipju “dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju”, fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu*** jistgħu ***jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur*** tagħhom ***fit-territorji li jqisuhom darhom***;	9. Jisħaq fuq l-importanza ***li n-nies ikunu*** jistgħu ***jibqgħu fil-komunitajiet ta’ oriġini*** tagħhom ***billi jiġi żgurat aċċess għal impjieg stabbli, akkomodazzjoni affordabbli, edukazzjoni, kura tas-saħħa, trasport u servizzi pubbliċi essenzjali***

oħra, b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ u l-familji;

Or. en

Emenda 217
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;	9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom***, li għandu japplika wkoll għaż-żoni urbani u għall-bliet***;

Or. pt

Emenda 218
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jappella għal proġetti ta' konnettività fil-bliet ta' daqs żgħir u medju biex jiġi żgurat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u biex il-popolazzjoni lokali tkun tista' tgħix fil-post ta' oriġini tagħha; jemmen li konnessjoni mtejba mal-bliet kapitali, il-bliet ewlenin u ċ-ċentri urbani, u ż-żoni metropolitani tista' tgħin fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni, filwaqt li żżid l-għadd ta' abitazzjonijiet disponibbli fis-suq; iqis li dan it-tip ta' investiment għandu jimxi id f'id mal-forniment ta' servizzi bażiċi oħra bħas-saħħa, l-edukazzjoni, l-enerġija u s-servizzi tal-ilma f'żoni milquta minn

tnaqqis demografiku;

Or. en

Emenda 219
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jappella għall-eliġibbiltà tax-xiri ta' art u bini, il-konverżjoni ta' bini mhux użat, ir-riġenerazzjoni ta' art degradata, il-kostruzzjoni u r-riabilitazzjoni ta' akkomodazzjoni pubblika għall-kera, u l-infrastruttura meħtieġa għal żoni ġodda ta' akkomodazzjoni affordabbli; jappella għall-possibbiltà li l-appoġġ ikun immirat lejn iż-żgħażagħ, il-familji, l-istudenti, il-persuni vulnerabbli u l-ħaddiema kritiċi, bl-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' affordabbiltà fit-tul u miżuri biex jiġi prevenut l-ispostament tal-komunitajiet eżistenti;

Or. ro

Emenda 220
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-aġenda tal-UE għall-bliet tiġi kkoordinata ma' strateġiji lokali għaż-żoni interni u muntanjużi, sabiex jiġu żgurati investimenti mmirati fl-infrastruttura diġitali u fiżika sabiex jiġu indirizzati d-depopolazzjoni u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, b'mod partikolari f'reġjuni

li qed jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali jew sfidi demografiċi serji fit-tul;

Or. it

Emenda 221
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-bliet tal-Ewropa jinsabu fuq quddiem nett tal-kriżi klimatika, u qed jiffaċċjaw mewġiet ta' sħana aktar frekwenti u estremi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bliet li jmexxu bidliet trasformattivi billi jrawmu l-ippjanar sostenibbli, ir-restawr tas-siġar u l-innovazzjonijiet tal-inġinerija u li jgħinu lill-bliet jilħqu n-newtralità klimatika sal-2040;

Or. en

Emenda 222
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-politika ta' koeżjoni għandha tgħin b'mod attiv biex jitreġġa' lura t-tnaqqis demografiku billi tappoġġja l-familji, l-akkomodazzjoni affordabbli tal-familja, l-indokrar tat-tfal u s-servizzi li jħeġġu liż-żgħażagħ jibqgħu fit-territorji ta' oriġini tagħhom jew jirritornaw fihom, u billi trawwem kundizzjonijiet favorevoli għat-tiġdid ġenerazzjonali naturali;

Or. en

Emenda 223
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" u t-tnaqqis demografiku jirrikjedu politiki territorjali integrati li jappoġġjaw il-familji żgħażagħ, l-indokrar tat-tfal affordabbli, it-tixjiħ attiv, iż-żamma tat-talent, is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-attirar ta' ħaddiema b'ħiliet fiż-żoni urbani u periurbani.

Or. en

Emenda 224
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jenfasizza li, minkejja PDG per capita medju ogħla meta mqabbel maż-żoni rurali, ħafna bliet jiffaċċjaw inugwaljanzi intra-urbani dejjem akbar, pressjonijiet akuti tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, persuni mingħajr dar u żoni ta' faqar fil-kwartieri urbani żvantaġġati; jisħaq li l-Politika ta' Koeżjoni u l-aġenda dwar "id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" jridu jindirizzaw dawn l-isfidi permezz ta' investimenti integrati u bbażati fuq il-post fl-akkomodazzjoni affordabbli, fis-servizzi pubbliċi, fil-mobbiltà sostenibbli, fir-reżiljenza għall-klima u fl-infrastruttura soċjali;

Or. en

Emenda 225
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jissottolinja li, fil-bliet, ir-rispett tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" jirrikjedi li tiġi indirizzata b'mod sistematiku ż-żieda fl-għoli tal-ħajja, li qed tapprofondixxi l-inugwaljanzi u progressivament teskludi lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, liż-żgħażagħ u lill-ħaddiema, inkluż f'setturi fundamentali, u b'hekk tnaqqar in-nisġa soċjali tal-bliet u l-pussess tar-residenti tal-ispazju urban li jgħixu fih;

Or. en

Emenda 226
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom ***trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;***	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom***:***
	a) it-trasport: sistemi integrati ta' mobbiltà sostenibbli, inklużi t-trasport pubbliku, l-infrastruttura taċ-ċikliżmu, in-

networks tal-mixi, iċ-ċentri tat-trasport multimodali, il-mobbiltà b'emissjonijiet żero, is-servizzi tat-trasport aċċessibbli u s-sistemi tat-trasport intelliġenti

b) l-edukazzjoni:indokrar tat-tfal affordabbli, skejjel u spazji pubbliċi adatti għat-tfal

kura tas-saħħa:kura tas-saħħa preventiva, servizzi tas-saħħa mentali, infrastruttura tas-saħħa diġitali, ippjanar urban b'saħħtu u aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa primarja

c) il-kura soċjali:l-aċċessibbiltà, l-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-persuni b'diżabbilità għat-trasport, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, is-servizzi pubbliċi, l-infrastruttura diġitali u l-ispazji pubbliċi

d) is-servizzi marbuta mal-impjiegi: taħriġ fuq il-post tax-xogħol, titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid

Jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza u fl-aċċessibbiltà tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għall-familji kbar, għall-familji b'ġenitur wieħed, għaż-żgħażagħ, għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;

Or. en

Emenda 227
Denis Nesci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, ***fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam*** tas-saħħa u ***servizzi marbuta mal-impjiegi;*** jitlob ***li jiġu promossi*** investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, ***fis-***	10. Jenfasizza r-rwol ***strateġiku u indispensabbli*** tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ***b'livell għoli*** ta' kwalità, ***b'referenza partikolari għat-trasport, l-edukazzjoni, il-kura*** tas-saħħa u ***politiki attivi għall-impliegi.*** Jitlob***, għaldaqstant,***

sistemi tat-trasport pubbliku u ***fis-sikurezza tal-ispazji*** pubbliċi***, b'attenzjoni*** partikolari ***għan-nisa u għall-kategoriji*** vulnerabbli***;***

għall-promozzjoni ta' investimenti ***speċifiċi*** fil-mobbiltà sostenibbli, ***it-titjib tan-network*** tat-trasport pubbliku u***, bħala prijorità assoluta, il-protezzjoni tas-sikurezza u tal-pajsaġġ urban, kemm fiċ-ċentri tal-bliet u kif ukoll fil-periferiji. Tali miżuri għandhom ikollhom l-għan li jiżguraw monitoraġġ komprensiv u preżenza attiva fiż-żona, u jirrestitwixxu spazji*** pubbliċi ***li huma sikuri, mdawla sew u aċċessibbli għal kulħadd. Għandha tingħata attenzjoni*** partikolari ***u primarja lill-protezzjoni tan-nisa, il-minorenni, l-anzjani u l-gruppi l-aktar*** vulnerabbli ***kollha, filwaqt li tiġi miġġielda kwalunkwe forma ta' ħsara jew kwalunkwe mġiba kriminali sabiex jiġi rrispettat id-dritt fundamentali għas-sikurezza u l-libertà ta' aċċess għall-belt ta' dak li jkun.***

Or. it

Emenda 228
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom ***trasport, edukazzjoni, assistenza*** fil-qasam tas-saħħa u ***servizzi marbuta mal-impjiegi***; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, ***b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji*** vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom ***is-servizzi marbuta mat-trasport, l-edukazzjoni, l-assistenza*** fil-qasam tas-saħħa u ***l-impjiegi***; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, ***filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet territorjali u l-kapaċitajiet ġeografiċi differenti għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà adegwati, inkluż it-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar u bl-ajru, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati mezzi adegwati ta' trasport u l-ħolqien, il-modernizzazzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura meħtieġa; jisħaq fuq il-***

	ħtieġa li jiġi żgurat li dawn il-politiki jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-nisa u tal-gruppi l-aktar vulnerabbli;

Or. pt

Emenda 229
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' trasport pubbliku aċċessibbli, affordabbli, prattiku u sikur adattat għall-ħtiġijiet tat-tfal, tal-anzjani u tal-persuni b'diżabbiltà; jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati nodi urbani, sistemi tat-trasport intermodali, konnessjonijiet tat-trasport multimodali u konnessjonijiet tal-aħħar mil li jgħaqqdu l-bliet maż-żoni periurbani u rurali tal-madwar kif ukoll li tittejjeb il-konnettività transfruntiera;***

Or. en

Emenda 230
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli; ***jappella, f'dan il-kuntest, għal koordinazzjoni bejn l-ippjanar urban u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ, biex jiġi żgurat appoġġ robust għall-faċilitajiet soċjoedukattivi u infrastruttura tal-edukazzjoni bbażata fil-komunità u mingħajr ħlas fiż-żoni bl-ogħla rati ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE);***

Or. it

Emenda 231
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom ***trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u*** servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, ***aċċessibbli u affordabbli,*** fosthom servizzi marbuta ***mat-trasport, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-indukrar tat-tfal, il-kura fit-tul, is-servizzi pubbliċi diġitali u s-servizzi relatati*** mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli***, teknoloġikament newtrali u affordabbli***, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa***, għall-persuni akbar fl-età, għall-persuni b'diżabbiltà*** u għall-kategoriji vulnerabbli ***l-oħra***; ***jappella għal appoġġ akbar għall-infrastruttura tat-trasport urban li ttejjeb il-konnettività, tnaqqas il-konġestjoni u ssaħħaħ il-***

kompetittività ekonomika;

Or. en

Emenda 232
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi ***inklużi miżuri biex tittejjeb il-kwalità ambjentali fil-bliet billi jiġi indirizzat l-esponiment urban b'mod partikolari t-tniġġis tal-arja, l-istorbju, il-ġżejjer tas-sħana u l-aċċess għal spazji ħodor***, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli ***oħra***; ***jitlob li jiġu promossi spazji pubbliċi ta' kwalità, l-aċċessibbiltà universali u disinn urban adattat għat-tfal u adattat għall-età;***

Or. en

Emenda 233
Rosa Serrano Sierra, Marcos Ros Sempere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi ***essenzjali*** ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob ***li jiġu promossi***	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex ***jiżguraw u*** jagħtu servizzi ***pubbliċi*** ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob ***aktar***

investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, ***fis-sistemi*** tat-trasport ***pubbliku*** u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa ***u*** għall-kategoriji vulnerabbli;	***investiment pubbliku u privat*** fil-mobbiltà sostenibbli, ***trasport pubbliku affordabbli u aċċessibbli, f'infrastruttura aħjar tal-mixi u taċ-ċikliżmu, sistema*** tat-trasport ***effiċjenti b'konnettività interna (lokali) u esterna (reġjonali) tajba,*** u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa***,*** għall-kategoriji vulnerabbli ***u b'mod spejali għall-utenti b'mobbiltà mnaqqsa u b'diżabilità***;

Or. en

Emenda 234
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti ***fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi***, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; ***iwissi li l-ġentrifikazzjoni u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja qed inaqqsu progressivament l-aċċess ugwali għal dawn is-servizzi fil-bliet, u jolqtu b'mod sproporzjonat lill-komunitajiet b'introjtu aktar baxx u vulnerabbli;*** jitlob li jiġu promossi investimenti ***f'servizzi essenzjali aċċessibbli u affordabbli***, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;

Or. en

Emenda 235
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, ***b'attenzjoni*** partikolari ***għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli***;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, ***bil-ħsieb li jiġu żgurati spazji pubbliċi sikuri, aċċessibbli u miżmuma tajjeb għaċ-ċittadini kollha, b'mod*** partikolari ***t-tfal, il-familji, il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà***;

Or. en

Emenda 236
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni***, indokrar tat-tfal***, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku***, fl-aċċessibbiltà tat-trasport pubbliku u l-bini pubbliku għall-persuni b'diżabbiltà*** u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;

Or. en

Emenda 237
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Ľubica Karvašová, Dan Barna

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, ***inkluż iċ-ċikliżmu,*** fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;

Or. en

Emenda 238
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;	10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa***, għall-anzjani*** u għall-kategoriji vulnerabbli;

Or. en

Emenda 239
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10a. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li ma nibqgħux niffukaw fuq proġetti temporanji u limitati fiż-żmien fil-ġlieda kontra l-faqar edukattiv; jitlob li l-faċilitajiet soċjoedukattivi fit-tul jitfasslu bħala strutturi bbażati fil-komunità b'aċċess liberu li jkunu miftuħa kontinwament, inkluż barra l-ħinijiet tal-iskola u matul il-vaganzi, u rregolati minn "patti ta' edukazzjoni bbażati fil-komunità" stabbiliti bejn l-iskejjel, l-awtoritajiet lokali u t-tielet settur; jinsisti li l-finanzjament strutturali tagħhom jiġi delimitat bħala prijorità soċjali minquxa fl-arkitettura finanzjarja futura tal-UE ta' wara l-2027;

Or. it

Emenda 240
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jappella għal investimenti fl-indokrar tat-tfal, fis-servizzi ta' wara l-iskola u fl-infrastruttura tal-kura tas-saħħa lokali sabiex jissaħħu l-koeżjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs; jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati bliet adatti għat-tfal permezz ta' spazji pubbliċi sikuri, trasport aċċessibbli, faċilitajiet edukattivi u għall-indokrar tat-tfal ta' kwalità, infrastruttura rikreattiva u ppjanar urban inklużiv li jappoġġja l-benesseri, l-iżvilupp u l-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja komunitarja;

Or. en

Emenda 241
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-importanza dejjem tikber tar-reżiljenza tal-ilma fil-bliet, inklużi l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, it-tneħħija tas-siment u l-użu xieraq tas-sorsi naturali eżistenti, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, il-prevenzjoni tal-għargħar, il-pjanijiet ta' tħejjija għan-nixfiet imsejsa fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, l-inklużjoni soċjali, l-aċċessibbiltà għall-ilma u d-disinn arkitettoniku adattat ta' kwalità;

Or. en

Emenda 242
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza li, minkejja li jirreġistraw PDG per capita medju ogħla miż-żoni rurali, ħafna bliet jiffaċċjaw pressjonijiet severi ta' affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, inugwaljanzi intra-urbani dejjem akbar, persuni mingħajr dar u żoni ta' faqar fil-kwartieri urbani żvantaġġati;

Or. en

Emenda 243
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jirrikonoxxi li l-iżvilupp urban sostenibbli jiddependi fuq kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-bliet, il-muniċipalitajiet tal-madwar u ż-żoni rurali; jinkoraġġixxi l-ippjanar territorjali integrat fit-territorji funzjonali kollha;

Or. en

Emenda 244
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-kultura biex tiżdied l-attraenza ekonomika u l-kompetittività, tiġi appoġġjata l-koeżjoni soċjali u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja fl-ambjent urban;

Or. ro

Emenda 245
Klara Dostalova, Marie-Luce Brasier-Clain, Tamás Deutsch, André Rougé

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jisħaq li l-familji huma l-ġebla tax-xewka ta' bliet b'saħħithom, reżiljenti u prosperi u li l-appoġġ għall-ħajja tal-familja għandu għalhekk jiġi rikonoxxut bħala parti integrali mill-politiki tal-iżvilupp urban; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu ambjenti urbani favur il-familja billi jtejbu l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, edukazzjoni ta' kwalità, indokrar tat-tfal, kura tas-saħħa, spazji pubbliċi sikuri u

opportunitajiet ta' impjieg, u b'hekk jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u jindirizzaw l-isfidi demografiċi fit-tul;

Or. en

Emenda 246
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jisħaq fuq l-importanza li l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ ikollhom rwol attiv u ewlieni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet lokali, f'konformità mal-approċċ ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD); jistieden lill-Istati Membri jużaw ir-riżorsi maħsuba għall-assistenza teknika u l-kisbiet fil-kapaċità amministrattiva biex iħallsu għall-professjonisti li jispeċjalizzaw fil-faċilitazzjoni territorjali, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-medjazzjoni interkulturali f'żoni vulnerabbli;

Or. it

Emenda 247
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-awtoritajiet lokali, l-istituzzjonijiet edukattivi, is-servizzi soċjali u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-każijiet ta' tfal neqsin u riskji oħra li jolqtu lill-minorenni, inkluż permezz tal-użu ta'

teknoloġiji innovattivi u ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data;

Or. en

Emenda 248
Marcos Ros Sempere, Hannes Heide, Rosa Serrano Sierra, Sakis Arnaoutoglou, Marko Vešligaj, Sérgio Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jisħaq li l-bliet mhumiex biss fuq quddiem nett fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tal-Ewropa iżda huma wkoll sħab essenzjali fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, peress li sehem sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jikkonċerna direttament jew indirettament il-bliet u l-investimenti fil-post;

Or. en

Emenda 249
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jisħaq li l-Politika ta' Koeżjoni u l-aġenda "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" jridu jindirizzaw dawn l-isfidi permezz ta' investiment integrat u bbażat fuq il-post f'akkomodazzjoni affordabbli, mobbiltà sostenibbli, servizzi pubbliċi, reżiljenza għall-klima u infrastruttura soċjali;

Or. en

Emenda 250
Valentina Palmisano
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw b'mod sistematiku "perspettiva ġenerazzjonali" bħala kriterju trażversali fl-ippjanar u l-monitoraġġ ta' strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli, sabiex l-ekwità interġenerazzjonali ssir prinċipju gwida tal-politika ta' koeżjoni;

Or. it